Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għas-Sajd

2018/0193(COD)

19.2.2020

***I
ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009, u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1005/2008, u r-Regolament (UE) Nru 2016/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kontroll tas-sajd
(COM(2018)0368 – C8-0238/2018 – 2018/0193(COD))

Kumitat għas-Sajd

Rapporteur: Clara Aguilera

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....5

NOTA SPJEGATTIVA 60

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009, u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1005/2008, u r-Regolament (UE) Nru 2016/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kontroll tas-sajd
(COM(2018)0368 – C8-0238/2018 – 2018/0193(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2018)0368),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2), u l-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0238/2018),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2018[1],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd (A9-0000/2020),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

[1] ĠU C 110, de 22.3.2019, p. 118.

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Il-Politika Komuni tas-Sajd saritilha riforma permezz tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[28]. L-objettivi tal-politika komuni tas-sajd u r-rekwiżiti għall-kontroll tas-sajd u għall-infurzar huma stabbiliti fl-Artikoli 2 u 36 ta' dak ir-Regolament. ***L-implimentazzjoni b'suċċess*** ta' ***din tiddependi mis-sistema effettiva*** u ***aġġornata ta' kontroll*** u ***ta' infurzar***.	(1) Il-Politika Komuni tas-Sajd saritilha riforma permezz tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[28]. L-objettivi tal-politika komuni tas-sajd u r-rekwiżiti għall-kontroll tas-sajd u għall-infurzar huma stabbiliti fl-Artikoli 2 u 36 ta' dak ir-Regolament. ***Is-suċċess tal-implimentazzjoni tagħha jiddependi minn sistema*** ta' kontroll ***sempliċi, trasparenti, effikaċi*** u ***li tiggarantixxi l-infurzar effettiv, uniformi*** u ***aġġornat fl-Istati Membri***.
[28] Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).	[28] Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

Or. es

Ġustifikazzjoni

Is-sistema l-ġdida ta' kontroll tas-sajd għandha tkun sempliċi, trasparenti, effettiva u għandha tiżgura l-infurzar effettiv, aġġornat u uniformi fl-Istati Membri tal-Unjoni.

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) Entitajiet tas-sajd rikreattiv jaqdu	(30) Entitajiet tas-sajd rikreattiv jaqdu

rwol importanti fl-Unjoni minn perspettiva bijoloġika, ekonomika u soċjali. Fid-dawl tal-impatti sinifikanti tas-sajd rikreattiv fuq ċerti stokkijiet, hemm bżonn li jiġi pprovdut għal għodod speċifiċi li jippermettu li jsir kontroll effettiv tas-sajd rikreattiv mill-Istati Membri. Sistema ta' reġistrazzjoni jew ta' liċenzjar għandhom jippermettu għal ċens preċiż tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi li jieħdu sehem fis-sajd rikreattiv u l-ġbir ta' data affidabbli dwar il-qabdiet u l-prattiki. Il-ġbir ta' data suffiċjenti u affidabbli dwar is-sajd rikreattiv hu neċessarju biex jiġi evalwat l-impatt ***tat-tali prattiki tas-sajd*** fuq l-istokkijiet u biex l-Istati Membri u l-Kummissjoni jiġu pprovduti bl-informazzjoni neċessarja għal ġestjoni u għal kontroll effettivi tar-riżorsi bijoloġiċi marini.	rwol importanti fl-Unjoni minn perspettiva bijoloġika, ekonomika u soċjali. Fid-dawl tal-impatti sinifikanti tas-sajd rikreattiv fuq ċerti stokkijiet, hemm bżonn li jiġi pprovdut għal għodod speċifiċi li jippermettu li jsir kontroll effettiv tas-sajd rikreattiv mill-Istati Membri. Sistema ta' reġistrazzjoni jew ta' liċenzjar għandhom jippermettu għal ċens preċiż tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi li jieħdu sehem fis-sajd rikreattiv u l-ġbir ta' data affidabbli dwar il-qabdiet u l-prattiki. Il-ġbir ta' data suffiċjenti u affidabbli dwar is-sajd rikreattiv hu neċessarju biex jiġi evalwat l-impatt ***ambjentali, ekonomiku u soċjali ta' din l-attività*** fuq l-istokkijiet u biex l-Istati Membri u l-Kummissjoni jiġu pprovduti bl-informazzjoni neċessarja għal ġestjoni u għal kontroll effettivi tar-riżorsi bijoloġiċi marini.
	Or. es

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) F'konformità mar-rekwiżiti ta' traċċabilità stabbiliti fl-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[32], ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 931/2011[33] jistabbilixxi ċerti regoli dwar it-traċċabilità għas-settur speċifiku tal-ikel li joriġina mill-annimali, jiġifieri sett speċifiku ta' informazzjoni jrid jinżamm irrekordjat mill-operaturi, jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti fuq talba, u jiġi ttrasferit lill-operatur li lilu jiġi fornit il-prodott tas-sajd. Fis-settur tas-sajd, it-traċċabilità hi importanti mhux biss għall-finijiet ta' sikurezza alimentari iżda anki biex ikunu jistgħu jsiru konrolli ***u*** tiġi	(34) F'konformità mar-rekwiżiti ta' traċċabilità stabbiliti fl-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[32], ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 931/2011[33] jistabbilixxi ċerti regoli dwar it-traċċabilità għas-settur speċifiku tal-ikel li joriġina mill-annimali, jiġifieri sett speċifiku ta' informazzjoni jrid jinżamm irrekordjat mill-operaturi, jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti fuq talba, u jiġi ttrasferit lill-operatur li lilu jiġi fornit il-prodott tas-sajd. Fis-settur tas-sajd, it-traċċabilità hi importanti mhux biss għall-finijiet ta' sikurezza alimentari iżda anki biex ikunu jistgħu jsiru konrolli**,** tiġi

żgurata l-protezzjoni tal-interessi tal-konsumaturi.

żgurata l-protezzjoni tal-interessi tal-konsumaturi ***u tingħata għajnuna biex jiġu evitati l-prattiki tas-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU)***.

---

[32] Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

[33] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 931/2011 tad-19 ta' Settembru 2011 dwar ir-rekwiżiti tat-traċċabbiltà stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għall-ikel li joriġina mill-annimali (ĠU L 242, 20.9.2011, p. 2).

---

[32] Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

[33] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 931/2011 tad-19 ta' Settembru 2011 dwar ir-rekwiżiti tat-traċċabbiltà stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għall-ikel li joriġina mill-annimali (ĠU L 242, 20.9.2011, p. 2).

Or. es

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 75a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(75a) Sabiex jiġi ggarantit in-nuqqas ta' sajd IUU fil-ftehimiet tas-sajd ma' pajjiżi terzi, huwa meħtieġ li jiġi emendat ir-Regolament (KE) Nru 1005/2008 biex tiġi inkluża l-possibilità li jiġu stabbiliti miżuri ta' salvagwardja għall-prodotti tas-sajd, bħall-possibilità li jiġu sospiżi l-preferenzi tariffarji, sakemm titneħħa karta safra mogħtija minħabba sajd IUU.

Or. es

Emenda 5

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 4 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
«2. "regoli tal-politika komuni tas-sajd" tfisser ***atti legalment vinkolanti*** tal-Unjoni***, li jinkludu ftehimiet internazzjonali konklużi mill-Unjoni,*** dwar il-konservazzjoni, il-ġestjoni u l-isfruttament ta' riżorsi bijoloġiċi marini, dwar l-akkwakultura u dwar ***il-proċessar***, it-trasport, ***l-kummerċjalizzazzjoni***, inkluż il-kejtering, ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura;"	«2. "regoli tal-politika komuni tas-sajd" tfisser ***leġiżlazzjoni*** tal-Unjoni dwar il-konservazzjoni, il-ġestjoni u l-isfruttament ta' riżorsi bijoloġiċi marini, ***inklużi miżuri tekniċi għall-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd u għall-protezzjoni tal-ekosistemi marittimi,*** dwar l-akkwakultura u dwar ***l-ipproċessar***, it-trasport, ***il-kummerċjalizzazzjoni***, inkluż il-kejtering, ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura;"

Or. es

Ġustifikazzjoni

Bil-għan li jkun hemm iktar kwalità, huwa meħtieġ li jiddaħħlu b'mod espliċitu l-miżuri tekniċi għall-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd u għall-protezzjoni tal-ekosistemi marittimi f'din id-definizzjoni.

Emenda 6

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt ba (ġdid)
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 4 – punt 3

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(ba) Il-punt 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:
3) "kontroll" tfisser monitoraġġ u sorveljanza;	3. "kontroll" tfisser monitoraġġ u sorveljanza ***tal-attivitajiet tas-sajd***;

Or. es

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/ES/TXT/HTML/?uri=CELEX:02009R1224-20190814&qid=1582016726712&from=EN)

Emenda 7

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt e
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 4 – punt 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
«14. "żona ristretta għas-sajd" tfisser kwalunwke żona ***marina*** fejn l-attivitajiet tas-sajd huma ristretti jew ipprojbiti b'mod temporanju jew permanenti;"	«14. "żona ristretta għas-sajd" tfisser kwalunwke żona ***marittima*** fejn l-attivitajiet tas-sajd huma ristretti jew ipprojbiti b'mod temporanju jew permanenti***, kemm permezz ta' leġiżlazzjoni reġjonali, nazzjonali, tal-Unjoni kjew inkella internazzjonali***;"

Or. es

Ġustifikazzjoni

Huwa meħtieġ li jiġi speċifikat li ż-żoni tas-sajd ristretti jistgħu jiġu minn regolamenti adottati fil-livell reġjonali, nazzjonali, tal-Unjoni jew internazzjonali.

Emenda 8

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt ea (ġdid)
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 4 – punt 16

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(ea) Il-punt 16 huwa sostitwit b'dan li ġej:
16) "trasbord" tfisser il-ħatt tal-prodotti kollha tas-sajd, jew ta' parti minnhom, li jkunu abbord bastiment għal fuq bastiment ieħor;	16. "trasbord" tfisser il-ħatt tal-prodotti kollha tas-sajd, jew ta' parti minnhom, li jkunu abbord bastiment għal fuq bastiment ieħor ***fil-port jew fil-baħar***;

Or. es

Ġustifikazzjoni

It-trasbordi jistgħu jseħħu kemm fil-baħar kif ukoll fil-port u għaċ-ċertezza legali jeħtieġ li

dan jiġi ċċarat.

https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:02009R1224-20190814&qid=1582016726712&from=EN

Emenda 9

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt f
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 4 – punt 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
«20. "lott" tfisser ***frazzjoni*** ta' ***unitajiet*** ta' prodotti tas-sajd u ***tal-akkwalkultura***; ***".***	«20. "lott" tfisser ***ċerta kwantità*** ta' ***prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura ta' speċi partikolari ta' oriġini komuni;";***

Or. es

Ġustifikazzjoni

Id-definizzjoni ta' "lott" hija ambigwa u għalhekk għandha tiġi emendata b'mod ċar u ġeneriku, peress li l-Artikolu 56a jistabbilixxi r-rekwiżiti għal lottijiet ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura.

Emenda 10

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt fa (ġdid)
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 4 – punt 21

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(fa) Il-punt 21 huwa sostitwit b'dan li ġej:
21) "trasformazzjoni" tfisser il-proċess ta' preparazzjoni tal-preżentazzjoni. Dan jinkludi ***l-iflettjar***, ***l-ippakkjar***, ***it-tqegħid*** f'laned, ***l-iffriżar***, ***l-affumikar***, ***it-tmellih***, ***it-tisjir***, ***l-ippriservar***, ***it-tnixxif*** jew ***il-preparazzjoni tal-ħut*** għas-suq bi kwalunkwe mod ieħor;	21. "trasformazzjoni" tfisser il-proċess ta' preparazzjoni tal-preżentazzjoni ***ta' prodotti tas-sajd jew tal-akkwakultura***. Dan jinkludi ***l-evixxerazzjoni u kull tip ta' tqattigħ***, ***iflettjar, ippakkjar***, ***tqegħid*** f'laned, ***refriġerazzjni***, ***iffriżar, affumikar***, ***tmellih***, ***tisjir***, ***ippreservar***, ***tnixxif*** jew ***preparazzjoni ta' prodotti tas-sajd jew tal-***

	akkwakultura għas-suq bi kwalunkwe mod ieħor;

Or. es

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/ES/TXT/HTML/?uri=CELEX:02009R1224-20190814&qid=1582016726712&from=EN)

Emenda 11

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt fb (ġdid)
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 4 – punt 22

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(fb) il-punt 22 huwa emendat kif ġej:
22) "ħatt l-art" tfisser ***il-ħatt inizjali*** ta' ***kull kwantità ta' prodotti tas-sajd minn abbord bastiment tas-sajd għal fuq l-art;***	22. "ħatt l-art" tfisser ***perjodu*** ta' ***żmien tal-proċess kollu kemm hu ta' ħatt*** inizjali ta' kull kwantità ta' prodotti tas-sajd minn abbord bastiment tas-sajd għal fuq l-art;

Or. es

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/ES/TXT/HTML/?uri=CELEX:02009R1224-20190814&qid=1582016726712&from=EN)

Emenda 12

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt f
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 4 – punt 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
h) jitħassar il-punt 23.	***imħassar***

Or. es

Ġustifikazzjoni

Peress li l-bejgħ bl-imnut huwa ħolqa importanti fil-katina ta' kummerċjalizzazzjoni, il-punt 23 tar-Regolament Nru 1224/2009 għandu jinżamm.

Emenda 13

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt ia (ġdid)
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 4 – punt 28a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	28a. "bastimenti li jkunu mikrija għas-sajd rikreattiv" tfisser inġenju jew bastiment b'kaptan li joħroġ passiġġieri fil-baħar biex jitwettaq sajd rikreattiv;

Or. es

Emenda 14

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt ka (ġdid)
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 4 – punt 34a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	34a. "Traċċabilità" tfisser il-possibilità sistematika li tiġi traċċata u segwita l-informazzjoni kollha jew parti minnha relatata ma' prodott tal-ikel, matul l-istadji kollha ta' produzzjoni, ipproċessar u distribuzzjoni, f'termini ta' identifikazzjonijiet reġistrati.

Or. es

Ġustifikazzjoni

Huwa meħtieġ li f'dan ir-Regolament tiġi inkluża definizzjoni ċara ta' traċċabilità sabiex issir distinzjoni bejn rekwiżiti relatati mal-kontroll ta' rekwiżiti ta' tikkettar immirati unikament lejn it-trasparenza b'rabta mal-konsumaturi. It-traċċabilità fis-settur tas-sajd hija essenzjali, flimkien mat-trasparenza għall-konsumaturi, għas-sikurezza tal-ikel u għall-kontroll tal-attivitajiet tas-sajd illegali, mhux regolat u mhux iddikjarat. Għal dan il-għan, ġiet adattata d-definizzjoni li tinsab fil-verżjoni kkonsolidata tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel.

Emenda 15

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 5 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2) Fl-Artikolu 5, jitħassar il-paragrafu 6.	***imħassar***

Or. es

Ġustifikazzjoni

Il-kundizzjoni tal-ħlas tal-kontribuzzjonijiet mill-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajdgħall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd lill-Istati Membri skont ir-rispett tal-obbligu tagħhom li joperaw u jżommu sistema effikaċi ta' kontroll, spezzjoni u infurzar għandha tinżamm.

Emenda 16

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Bastiment tas-sajd tal-Unjoni jista' jintuża għall-isfruttament kummerċjali tar-riżorsi bijoloġiċi marini biss jekk ikollu liċenzja valida tas-sajd.	1. Bastiment tas-sajd tal-Unjoni jista' jintuża għall-isfruttament kummerċjali tar-riżorsi bijoloġiċi marini biss jekk is-sid tiegħu jkollu liċenzja valida tas-sajd maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri.

Or. es

Emenda 17

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 6 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istat Membru tal-bandiera għandu jissospendi temporanjament il-liċenzja tas-sajd ta' ***bastiment*** li ***jkun soġġett għall-immobilizzazzjoni*** temporanja deċiża minn dak l-Istat Membru jew li kellu l-awtorizzazzjoni tas-sajd tiegħu sospiża f'konformità mal-Artikolu 91b.	3. L-Istat Membru tal-bandiera għandu jissospendi temporanjament il-liċenzja tas-sajd ta' ***sidien il-bastimenti*** li ***l-bastiment tagħhom tkun imposta fuqu immobilizzazzjoni*** temporanja deċiża minn dak l-Istat Membru jew li kellu l-awtorizzazzjoni tas-sajd tiegħu sospiża f'konformità mal-Artikolu 91b ***u minnufih jinnotifika b'dan lill-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd***.

Or. es

Emenda 18

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 6 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istat Membru tal-bandiera għandu jirtira permanentement il-liċenzja tas-sajd ***ta' bastiment*** li hu soġġett għal miżura ta' aġġustament tal-kapaċità msemmija fl-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jew li kellu l-awtorizzazzjoni tas-sajd tiegħu rtirata skont l-Artikolu 91b.	4. L-Istat Membru tal-bandiera għandu jirtira permanentement il-liċenzja tas-sajd ***lis-sidien tal-bastiment*** li ***l-bastimenti tiegħu*** hu soġġett għal miżura ta' aġġustament tal-kapaċità msemmija fl-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jew li kellu l-awtorizzazzjoni tas-sajd tiegħu rtirata skont l-Artikolu 91b ***u minnufih jinnotifika b'dan lill-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd***.

Or. es

Emenda 19

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandu jkollhom installat abbord apparat li jaħdem għalkollox li jippermetti li l-bastiment jiġi lokalizzat u identifikat awtomatikament minn sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti permezz tat-trażmissjoni ta' data dwar il-pożizzjoni tal-bastiment f'intervalli regolari.	Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandu jkollhom installat abbord apparat li jaħdem għalkollox li jippermetti li l-bastiment jiġi lokalizzat u identifikat awtomatikament minn sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti permezz tat-trażmissjoni ta' data dwar il-pożizzjoni tal-bastiment f'intervalli regolari ***kważi f'ħin reali jew, l-iktar l-iktar, kull għaxar minuti***.

Or. es

Ġustifikazzjoni

L-iżviluppi teknoloġiċi jagħmluha possibbli li l-bastimenti tas-sajd ikunu mgħammra b'apparat ta' intraċċar li jkun jista' jittrażmetti d-data f'ħin reali.

Emenda 20

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 9 - paragrafu 2 - subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Is-sistemi ta' monitoraġġ tal-bastimenti għandhom jippermettu wkoll liċ-ċentru ta' monitoraġġ tas-sajd imsemmi fl-Artikolu 9a tal-Istat Membru tal-bandiera biex jieħu d-dettalji tal-bastiment tas-sajd fi kwalunkwe ħin. It-trażmissjoni tad-data dwar il-pożizzjoni tal-bastiment u t-teħid tad-dettalji għandhom jgħaddu permezz ta' konnessjoni satellitari, jew inkella jistgħu jużaw netwerk mobbli bbażat fuq l-art meta jkunu f'post kopert mit-tali netwerk.	Is-sistemi ta' monitoraġġ tal-bastimenti għandhom jippermettu wkoll liċ-ċentru ta' monitoraġġ tas-sajd imsemmi fl-Artikolu 9a tal-Istat Membru tal-bandiera biex jieħu d-dettalji tal-bastiment tas-sajd fi kwalunkwe ħin. It-trażmissjoni tad-data dwar il-pożizzjoni tal-bastiment u t-teħid tad-dettalji għandhom jgħaddu permezz ta' konnessjoni satellitari, jew inkella jistgħu jużaw netwerk mobbli bbażat fuq l-art meta jkunu f'post kopert mit-tali netwerk***, jew teknoloġija oħra disponibbli għat-trażmissjoni u l-komunikazzjoni tad-data***.

Or. es

Ġustifikazzjoni

Huwa meħtieġ li jkunu jistgħu jiġu inkorporati t-teknoloġiji ġodda li jistgħu jinqalgħu fil-futur fir-rigward tas-sistemi ta' monitoraġġ tal-bastimenti.

Emenda 21

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 9 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 2, il-kaptani ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni b'tul totali ta' anqas minn 12-il metru jistgħu jġorru abbord apparat mobbli li jippermetti li l-bastiment jiġi lokalizzat u identifikat b'mod awtomatiku minn sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti permezz tar-reġistrazzjoni u tat-trażmissjoni ta' data dwar il-pożizzjoni tal-bastimenti f'intervalli regolari. F'każ li l-apparat ma jkunx f'inħawi koperti minn netwerk ***mobbli***, id-data dwar il-pożizzjoni tal-bastiment għandha tiġi rreġistrata matul dak il-perjodu ta' żmien u għandha tintbagħat malli l-bastiment jidħol f'żona koperta mit-tali netwerk u sa mhux aktar tard minn ***qabel ma*** jidħol fil-port.	3. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 2, il-kaptani ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni b'tul totali ta' anqas minn 12-il metru jistgħu jġorru abbord apparat mobbli li jippermetti li l-bastiment jiġi lokalizzat u identifikat b'mod awtomatiku minn sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti permezz tar-reġistrazzjoni u tat-trażmissjoni ta' data dwar il-pożizzjoni tal-bastimenti f'intervalli regolari***, kważi f'ħin reali jew, l-iktar l-iktar, kull għaxar minuti***. F'każ li l-apparat ma jkunx f'inħawi koperti minn netwerk ***ta' komunikazzjoni***, id-data dwar il-pożizzjoni tal-bastiment għandha tiġi rreġistrata matul dak il-perjodu ta' żmien u għandha tintbagħat malli l-bastiment jidħol f'żona koperta mit-tali netwerk u sa mhux aktar tard minn ***fil-waqt li*** jidħol fil-port.

Or. es

Ġustifikazzjoni

L-iżviluppi teknoloġiċi jagħmluha possibbli li l-bastimenti tas-sajd ikunu mgħammra b'apparat ta' intraċċar li jkun jista' jittrażmetti d-data f'ħin reali. Barra minn hekk, jeħtieġ li jkunu jistgħu jiġu inkorporati teknoloġiji ġodda li jistgħu jinqalgħu fil-futur b'rabta mas-sistemi ta' monitoraġġ tal-bastimenti.

Emenda 22

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 9 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta bastiment tas-sajd tal-Unjoni jkun fl-ibħra ta' Stat Membru ieħor, l-Istat Membru tal-bandiera għandu jagħmel disponibbli d-data dwar il-pożizzjoni ta' dak il-bastiment permezz tat-trażmissjoni awtomatika liċ-ċentru ta' monitoraġġ tas-sajd tal-Istati Membri kostali. Id-data dwar il-pożizzjoni tal-bastiment għandha tkun ***disponibbli wkoll għall-Istat*** Membru li l-portijiet tiegħu probabbli se jintużaw mill-bastiment tas-sajd għall-ħatt l-art tal-qabdiet tiegħu jew li l-ilmijiet tiegħu probabbli se jintużaw mill-bastiment tas-sajd biex ikompli l-attivitajiet tas-sajd tiegħu.	4. Meta bastiment tas-sajd tal-Unjoni jkun fl-ibħra ta' Stat Membru ieħor, l-Istat Membru tal-bandiera għandu jagħmel disponibbli d-data dwar il-pożizzjoni ta' dak il-bastiment permezz tat-trażmissjoni awtomatika liċ-ċentru ta' monitoraġġ tas-sajd tal-Istati Membri kostali. Id-data dwar il-pożizzjoni tal-bastiment ***tal-vjaġġi kollha*** għandha tkun ***ikkomunikata awtomatikament ukoll lill-Istat*** Membru li l-portijiet tiegħu probabbli se jintużaw mill-bastiment tas-sajd għall-ħatt l-art tal-qabdiet tiegħu jew li l-ilmijiet tiegħu probabbli se jintużaw mill-bastiment tas-sajd biex ikompli l-attivitajiet tas-sajd tiegħu.

Or. es

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li l-Istat Membru jkollu aċċess awtomatiku għad-data dwar il-pożizzjoni tal-bastiment.

Emenda 23

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 9 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Jekk bastiment tas-sajd tal-Unjoni jopera fl-ibħra ta' pajjiż terz jew f'ibħra fejn ir-riżorsi tas-sajd huma ġestiti minn organizzazzjoni reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd kif imsemmija fl-Artikolu 3(1), u	5. Jekk bastiment tas-sajd tal-Unjoni jopera fl-ibħra ta' pajjiż terz jew f'ibħra fejn ir-riżorsi tas-sajd huma ġestiti minn organizzazzjoni reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd kif imsemmija fl-Artikolu 3(1), u

jekk il-ftehim ma' dak il-pajjiż terz jew ir-regoli applikabbli ta' dik l-organizzazzjoni jipprovdu hekk, id-data dwar il-pożizzjoni tal-bastiment għandha ***titqiegħed għad-dispożizzjoni ta'*** dak il-pajjiż jew dik l-organizzazzjoni.	jekk il-ftehim ma' dak il-pajjiż terz jew ir-regoli applikabbli ta' dik l-organizzazzjoni jipprovdu hekk, id-data dwar il-pożizzjoni tal-bastiment ***fil-vjaġġi kollha*** għandha ***tiġi awtomatikament ikkomunikata anke lil*** dak il-pajjiż jew dik l-organizzazzjoni.

Or. es

Ġustifikazzjoni

Jekk organizzazzjoni reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd jew ftehim ma' pajjiż terz jipprevedu li trid tiġi pprovduta data dwar il-pożizzjoni tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li joperaw fl-ilmijiet tagħhom, dik id-data għandha ssir disponibbli awtomatikament, mingħajr ma wieħed jistenna talba mill-pajjiż terz jew mill-organizzazzjoni reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd.

Emenda 24

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 9 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. Id-dispożizzjonijiet taħt dan l-Artikolu għandhom japplikaw ukoll għall-bastimenti ta' appoġġ, il-bastimenti għall-ipproċessar tal-ħut, il-bastimenti involuti fit-trasbord u l-bastimenti tal-ġarr mgħammra għat-trasport ta' prodotti tas-sajd, li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru.

Or. es

Ġustifikazzjoni

Il-bastimenti ta' appoġġ jistgħu wkoll ikunu involuti f'operazzjonijiet illegali, u għalhekk huwa importanti li jiġi żgurat li dawn ikunu mgħammra b'apparat ta' lokalizzazzjoni tal-bastimenti.

Emenda 25

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6

Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 9 – paragrafu 8 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 119(2)."	Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 119(2). ***Il-Kummissjoni għandha tivverifika li d-dispożizzjonijiet inklużi jkunu bbilanċjati u proporzjonati għall-objettivi segwiti.***"

Or. es

Ġustifikazzjoni

L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi inklużi fl-atti ta' implimentazzjoni għandhom ikunu bbilanċjati u proporzjonati għall-objettivi segwiti.

Emenda 26

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 9a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Kull Stat Membru għandu jaħtar ***l-awtoritajiet*** kompetenti responsabbli għaċ-ċentru ta' monitoraġġ tas-sajd u għandu jieħu l-miżuri xierqa biex jiżgura li ċ-ċentru ta' monitoraġġ tas-sajd tiegħu jkollu r-riżorsi xierqa f'dak li għandu x'jaqsam mal-persunal u li jkun mgħammar bil-ħardwer u bis-softwer tal-kompjuter li jippermettu l-proċessar awtomatiku tad-data u t-trażmissjoni tad-data elettronika. L-Istati Membri għandhom jipprovdu għal proċeduri ta' riżerva u ta' rkupru fil-każ ta' ħsara fis-sistema. L-Istati Membri jistgħu joperaw ċentru konġunt ta' monitoraġġ tas-sajd.	2. Kull Stat Membru ***tal-bandiera, minn fost l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u reġjonali,*** għandu jaħtar ***awtorità*** kompetenti ***ewlenija*** responsabbli għaċ-ċentru ta' monitoraġġ tas-sajd u għandu jieħu l-miżuri xierqa biex jiżgura li ċ-ċentru ta' monitoraġġ tas-sajd tiegħu jkollu r-riżorsi xierqa f'dak li għandu x'jaqsam mal-persunal u li jkun mgħammar bil-ħardwer u bis-softwer tal-kompjuter li jippermettu l-proċessar awtomatiku tad-data u t-trażmissjoni tad-data elettronika. L-Istati Membri għandhom jipprovdu għal proċeduri ta' riżerva u ta' rkupru fil-każ ta' ħsara fis-sistema. L-Istati Membri jistgħu joperaw ċentru konġunt ta' monitoraġġ tas-sajd.

Or. es

Ġustifikazzjoni

Il-kompetenza għall-kontroll hija kemm tal-awtoritajiet nazzjonali kif ukoll tar-reġjuni f'diversi Stati Membri u għalhekk huwa xieraq li din il-kjarifika tiġi inkluża biex ikun hemm iktar ċarezza. Din l-emenda hija parti mill-kompromess li ntlaħaq bejn il-gruppi politiċi kollha fil-leġiżlatura preċedenti.

Emenda 27

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 9a – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri tal-bandiera għandhom jiżguraw li ċ-ċentri ta' monitoraġġ tas-sajd ikollhom l-aċċess għad-data rilevanti kollha u b'mod partikolari kif elenkat fl-Artikoli 109 u 110 u ***joperaw*** 7 ijiem fil-ġimgħa u 24 siegħa kuljum.	3. L-Istati Membri tal-bandiera għandhom jiżguraw li ċ-ċentri ta' monitoraġġ tas-sajd ikollhom l-aċċess għad-data rilevanti kollha u b'mod partikolari kif elenkat fl-Artikoli 109 u 110***,*** u ***b'hekk jiżguraw il-monitoraġġ*** 7 ijiem fil-ġimgħa u 24 siegħa kuljum.

Or. es

Ġustifikazzjoni

Din il-kjarifika għandha tiġi inkluża biex ikun hemm iktar ċarezza. Din l-emenda hija parti mill-kompromess li ntlaħaq bejn il-gruppi politiċi kollha fil-leġiżlatura preċedenti.

Emenda 28

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 14 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
d) id-data ***u, fejn xieraq, il-ħin*** tal-qabdiet;	d) id-data tal-qabdiet;

Or. es

Ġustifikazzjoni

Il-burokrazija żejda involuta fl-attivitajiet tas-sajd abbord, bħall-indikazzjoni tal-ħin tal-qabda tal-ħut u t-tagħbija li tinġarr mis-sidien u l-kaptani tal-bastimenti, tista' taffettwa l-attenzjoni li dawk il-kontrolli għandhom jipprovdu għas-sigurtà abbord, l-operazzjonijiet tas-sajd, eċċ. Il-piż amministrattiv abbord irid ikun il-minimu meħtieġ.

Emenda 29

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 14 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
f) it-tip ta' rkaptu, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u d-dimensjonijiet;	f) it-tip ta' rkaptu, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u d-dimensjonijiet ***approssimattivi***;

Or. es

Ġustifikazzjoni

Id-data dwar id-daqs tal-irkaptu tas-sajd għandha tiġi approssimata sabiex ma jkunx hemm nuqqas jew ksur minħabba varjazzjonijiet minuri.

Emenda 30

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 14 – paragrafu 2 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
h) ir-rimi stmat ***tal-ekwivalenti ta' piż ħaj f'volum*** għal kwalunkwe speċi mhux soġġetta għall-obbligu ta' ħatt l-art;	h) ir-rimi stmat għal kwalunkwe speċi mhux soġġetta għall-obbligu ta' ħatt l-art;

Or. es

Ġustifikazzjoni

Il-proposta tipproponi li jiġi rreġistrat ir-rimi ta' speċijiet li għalihom m'hemm l-ebda obbligu ta' ħatt l-art. Il-kwantifikazzjoni ta' dan il-qbid (pereżempju ħut pelaġiku żgħir li jerġa'

jitqiegħed ħaj fil-baħar, molluski bivalvi eċċ.) toħloq diffikultajiet tekniċi serji. L-ispeċifiċitajiet ta' din id-data u jekk għandhiex tiġi rreġistrata għandu jitħalla f'idejn is-sidien u l-kaptani.

Emenda 31

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 14 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a) it-tip ***ta' rkaptu*** mitluf;	a) it-tip ***u d-daqs approssimattiv tal-irkaptu*** mitluf;

Or. es

Emenda 32

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 14 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b) id-data ***u l-ħin*** ta' meta ntilef l-irkaptu;	b) id-data ta' meta ntilef l-irkaptu;

Or. es

Ġustifikazzjoni

F'ċertu tagħmir, bħal pereżempju l-konzijiet, il-ħin ta' meta ntilef l-irkaptu jista' ma jkunx eżatt u jkun ta' utilità dubjuża.

Emenda 33

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 14 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta mqabbel mal-kwantitajiet li nħattu l-art jew mar-riżultat ta' spezzjoni, il-marġni ta' tolleranza permess fi stimi reġistrati fil-ġurnal ta' abbord dwar is-sajd tal-kwantitajiet f'kilogrammi ta' ħut miżmum abbord għandu jkun ta' 10 % għal kull speċi. ***Għal speċijiet*** miżmuma abbord li ma jaqbżux il-50 kg f'ekwivalenti ta' piż ħaj, il-marġni ta' tolleranza permess għandu jkun ta' 20 % għal kull speċi.	Meta mqabbel mal-kwantitajiet li nħattu l-art jew mar-riżultat ta' spezzjoni, il-marġni ta' tolleranza permess fi stimi reġistrati fil-ġurnal ta' abbord dwar is-sajd tal-kwantitajiet f'kilogrammi ta' ħut miżmum abbord għandu jkun ta' 10 % għal kull speċi. ***F'dak li jikkonċerna s-sajd imħallat, il-ħut pelaġiku żgħir li jinqabad bil-purse seine u l-ispeċijiet*** miżmuma abbord li ma jaqbżux il-50 kg f'ekwivalenti ta' piż ħaj, il-marġni ta' tolleranza permess għandu jkun ta' 20 % għal kull speċi. ***Għat-tonn għandu jkun ta' 25 %.***

Or. es

Ġustifikazzjoni

L-esperti kollha kkonsultati jaqblu li l-iffissar ta' tolleranza ġenerali ta' 10 % huwa impossibbli għal ċertu sajd, u għalhekk huwa meħtieġ li jiġu introdotti derogi. Dan huwa l-każ ta' qabdiet imħallta tal-Mediterran, il-ħut pelaġiku żgħir li jinqabad bil-purse seiners u t-tonn.

Emenda 34

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 14 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
B'deroga għall-ewwel subparagrafu ***għall-ispeċijiet imsemmija fl-ewwel u fit-tielet inċiżi tal-Artikolu 15(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 li jinħattu l-art mhux imqassma, il-limitazzjonijiet ta' tolleranza stabbiliti f'dan il-paragrafu ma għandhomx japplikaw għal qabdiet ta' speċijiet*** li ***jissodisfaw dawn iż-żewġ kundizzjonijiet*** li ġejjin:	B'deroga għall-ewwel subparagrafu ***b'rabta mas-sajd pelaġiku żgħir (kavalli, aringi, sawrell, stokkafixx, pixxitrumbetta, inċova, arġentina, sardin u laċċa kaħla) u s-sajd għal skopijiet industrijali (inter alia, dawk għall-kapelin, iċ-ċiċċirell u n-Norwegian pout)*** li ***jinħattu l-art mhux imqassma, japplikaw id-derogi*** li ġejjin:

Or. es

Ġustifikazzjoni

Rekord tal-ispeċijiet kollha maqbuda li jaqbżu l-limitu ta' 50 kg f'piż ħaj, b'marġni ta' tolleranza ta' 10 % biss għal kull speċi, fil-prattika huwa impossibbli li l-kaptan ta' bastiment tas-sajd jistad għal speċijiet pelaġiċi jew industrijali u jżomm il-qabdiet abbord friski u mhux imqassma.

(L-aħħar fraži tas-subparagrafu 2 fit-test tal-Kummissjoni ssir punt a) fl-emenda tal-Parlament, ara l-Emenda 35)

Emenda 35

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 14 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a) dawn jirrappreżentaw anqas minn 1 % f'piż tal-ispeċijiet kollha li nħattu l-art; y	***a) il-limiti ta' tolleranza stabbiliti f'dan il-paragrafu ma għandhomx japplikaw għal qabdiet ta' speċijiet li jissodisfaw waħda minn dawn iż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:*** ***i. dawn jirrappreżentaw anqas minn 1 % f'piż tal-ispeċijiet kollha li nħattu l-art; o*** ***ii. il-piż totali tagħhom hu ta' anqas minn 100 kg.***

Or. es

Ġustifikazzjoni

(Punt a) fit-test tal-Kummissjoni ssir punt a) – punt i fl-emenda 35 tal-Parlament)

Emenda 36

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 14 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b) il-piż totali tagħhom hu ta' anqas minn 100 kg.	***b) għall-Istati Membri li adottaw pjan ta' kampjunar ibbażat fuq ir-riskju approvat mill-Kummissjoni għall-użin ta' ħatt l-art imħallat, il-limitazzjonijiet ta' tolleranza li ġejjin japplikaw:***
	i. għal speċijiet pelaġiċi żgħar u sajd għal użu industrijali, il-marġni ta' tolleranza permess f'estimi rreġistrati fil-ġurnal ta' abbord tas-sajd tal-kwantitajiet f'kg ta' ħut miżmum abbord għandu jkun 10 % tal-kwantità totali tal-ispeċijiet kollha rreġistrati fil-ġurnal ta' abbord ta' kull speċi;
	ii. għal speċijiet oħra mhux fil-mira, il-marġni permess ta' tolleranza fl-estimi, kemm jekk imniżżla fil-ġurnal ta' abbord tas-sajd kif ukoll jekk le, tal-kwantitajiet f'kilogrammi ta' ħut miżmum abbord għandu jkun ta' 200 kg jew ta' 1 % tal-kwantità totali tal-ispeċijiet kollha rreġistrati fil-ġurnal ta' abbord ta' kull speċi; y
	iii. għall-kwantità totali tal-ispeċijiet kollha, il-marġini ta' tolleranza permessa fl-estimi rreġistrati fil-ġurnal ta' abbord tas-sajd tal-kwantità totali f'kg ta' ħut miżmum abbord għandha tkun ta' 10 % tal-kwantità totali tal-ispeċijiet kollha rreġistrati fil-ġurnal ta' abbord.
	Fi kwalunkwe każ, il-marġni ta' tolleranza permess ma jistax jaqbeż l-20 % għal kull speċi.

Or. es

Ġustifikazzjoni

(Punt b) fit-test tal-Kummissjoni ssir punt a) – punt ii fl-Emenda 35 tal-Parlament)

Emenda 37

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12
Regolament (KE) Nru 1224/2009
L-Artikolu 15 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-kaptani tal-bastimenti tal-qbid tal-Unjoni b'tul totali ta' anqas minn 12-il metru għandhom jissottomettu b'mezzi elettroniċi l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 14, lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera wara li jlestu l-aħħar operazzjoni tas-sajd u qabel ***ma jidħlu fil-port***.	2. Il-kaptani tal-bastimenti tal-qbid tal-Unjoni b'tul totali ta' anqas minn 12-il metru għandhom jissottomettu b'mezzi elettroniċi***, permezz ta' formola unika u simplifikata,*** l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 14, lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera wara li jlestu l-aħħar operazzjoni tas-sajd u qabel ***il-ħatt l-art***.

Or. es

Ġustifikazzjoni

Għal raġunijiet ta' sigurtà, għandu jkun possibbli li titwettaq it-trażmissjoni tad-data dwar il-qabdiet mill-flotta li tiġi pprovduta fil-livell tas-sigurtà u s-sikurezza tal-faċilitajiet tal-port offruti mill-faċilitajiet tal-port.

Emenda 38

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 8 - paragrafu 2 - punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
g) il-frekwenza tat-trażmissjonijiet tad-data tal-ġurnal ta' abbord;	***imħassar***

Or. es

Ġustifikazzjoni

Il-frekwenza tat-trażmissjonijiet tad-data tal-ġurnal ta' abbord ġiet definita f'dan ir-Regolament.

Emenda 39

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15 – punt a
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet speċifiċi li jinsabu fil-pjanijiet pluriennali, il-kaptani ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni b'tul totali ta' 12-il metru jew aktar għandhom jinnotifikaw b'mezzi elettroniċi l-informazzjoni li ġejja lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera tagħhom tal-anqas erba' sigħat qabel il-ħin stmat tal-wasla fil-port:	1. Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet speċifiċi li jinsabu fil-pjanijiet pluriennali, il-kaptani ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni b'tul totali ta' 12-il metru jew aktar***, u li jwettqu vjaġġi ta' iktar minn 12-il siegħa,*** għandhom jinnotifikaw b'mezzi elettroniċi l-informazzjoni li ġejja lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera tagħhom tal-anqas erba' sigħat qabel il-ħin stmat tal-wasla fil-port***, minbarra f'ċirkostanzi eċċezzjonali***:

Or. es

Ġustifikazzjoni

Ċerti bastimenti tas-sajd artiġjanali jgħaddu biss żmien qasir fuq il-baħar fi kwalunkwe vjaġġ partikolari. Il-ħtieġa li dawn il-bastimenti jagħmlu notifiki erba' siegħat qabel ma jaslu fil-port fil-biċċa l-kbira tal-każijiet ma tkunx possibbli, u għalhekk notifika bħal din għandha tkun permessa immedjatament qabel il-ħatt l-art u l-użin tal-ħut.

Emenda 40

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15 – punt b
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 17 – paragrafu 1a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"1a. L-Istat Membru kostali jista' ***jistabbilixxi perjodu iqsar*** ta' notifika minn qabel għall-bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu u li joperaw b'mod esklużiv fi ħdan l-ibħra territorjali tiegħu, dment li dan ma jxekkilx il-ħila ta' Stat Membru li jagħmel l-ispezzjonijiet."	"1a. L-Istat Membru kostali jista' ***jadatta l-iqsar perjodu*** ta' notifika minn qabel għall-bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu u li joperaw b'mod esklużiv fi ħdan l-ibħra territorjali tiegħu, dment li dan ma jxekkilx il-ħila ta' Stat Membru li jagħmel l-ispezzjonijiet."

Or. es

Emenda 41

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15 – punt c
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 17 – paragrafu 6 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a) l-eżenzjoni ta' ċerti kategoriji ta' bastimenti tas-sajd mill-obbligu stabbilit fil-paragrafu 1, b'kunsiderazzjoni tal-kwantitajiet u tat-tip ta' prodotti tas-sajd li għandhom jinħattu l-art;	a) l-eżenzjoni ta' ċerti kategoriji ta' bastimenti tas-sajd mill-obbligu stabbilit fil-paragrafu 1, b'kunsiderazzjoni tal-kwantitajiet u tat-tip ta' prodotti tas-sajd li għandhom jinħattu l-art ***u r-riskju ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd***;

Or. es

Ġustifikazzjoni

In-notifika minn qabel hija għodda utli ħafna għall-awtoritajiet tal-kontroll tas-sajd biex jippjanaw b'mod aktar effiċjenti l-ħatt l-art. L-eċċezzjonijiet għal din ir-regola għandhom ikunu biss dawk il-bastimenti li jinsabu f'riskju baxx ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd.

Emenda 42

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17a (ġdid)
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 19 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	17a) Fl-Artikolu 19, jiżdied il-paragrafu li ġej:
	***Hija meqjusa bħala "forza maġġuri" kwalunkwe sitwazzjoni relatata ma' disfunzjoni ewlenija tal-magni, evakwazzjoni medika jew kenn minħabba kundizzjonijiet tat-temp serji. Wara l-wasla fil-port, il-kaptan għandu jlesti kull**

informazzjoni nieqsa fin-notifika minn qabel li tkun intbagħtet preċedentement.

Or. es

Ġustifikazzjoni

Huwa meħtieġ li jiġi definit xi jfisser forza maġġuri.

Emenda 43

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 19a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom ikunu awtorizzati biss biex iħottu l-art f'portijiet barra mill-ibħra tal-Unjoni jekk ikunu nnotifikaw b'mezzi elettroniċi l-informazzjoni elenkata fil-paragrafu 3 lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera tagħhom tal-anqas ***3 ijiem*** qabel iż-żmien stmat tal-wasla fil-port, u l-Istat Membru tal-bandiera ma jkunx ċaħad l-awtorizzazzjoni ta' ħatt l-art f'dan il-perjodu.	1. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom ikunu awtorizzati biss biex iħottu l-art f'portijiet barra mill-ibħra tal-Unjoni jekk ikunu nnotifikaw b'mezzi elettroniċi l-informazzjoni elenkata fil-paragrafu 3 lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera tagħhom tal-anqas ***24 siegħa*** qabel iż-żmien stmat tal-wasla fil-port, u l-Istat Membru tal-bandiera ma jkunx ċaħad l-awtorizzazzjoni ta' ħatt l-art f'dan il-perjodu.

Or. es

Ġustifikazzjoni

Billi n-notifika trid issir b'mod elettroniku u allura fi ftit ħin u li f'sitwazzjoni simili fl-ibħra tal-Unjoni, il-ħin ikun ferm iqsar, il-limitu ta' żmien propost mill-Kummissjoni għandu jitnaqqas. 24 siegħa qabel il-wasla prevista fil-port jidher li huwa ħin raġonevoli għal notifika.

Emenda 44

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 19a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istat Membru tal-bandiera jista' jistabbilixxi perjodu iqsar, ta' mhux anqas minn ***erba' sigħat***, għan-notifika minn qabel imsemmija fil-paragrafu 1 għall-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom li twettaq l-attivitajiet tas-sajd f'ibħra ta' pajjiżi terzi, u dan wara li jqis it-tip ta' prodotti tas-sajd u d-distanza bejn iż-żoni tas-sajd u l-port.	2. L-Istat Membru tal-bandiera jista' jistabbilixxi perjodu iqsar, ta' mhux anqas minn ***sagħtejn***, għan-notifika minn qabel imsemmija fil-paragrafu 1 għall-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom li twettaq l-attivitajiet tas-sajd f'ibħra ta' pajjiżi terzi, u dan wara li jqis it-tip ta' prodotti tas-sajd u d-distanza bejn iż-żoni tas-sajd u l-port***, kif ukoll ir-riskju ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd jew mar-regoli applikabbli fl-ilmijiet tal-pajjiż terz li fih ikunu qed joperaw il-bastimenti. Fid-definizzjoni ta' riskju l-Istati Membri għandhom iqisu l-ksur serju mwettaq mill-bastimenti kkonċernati***.

Or. es

Ġustifikazzjoni

Fil-każ ta' bastimenti żgħar, bħal bastimenti tas-sajd bil-purse seine li jkunu qed iwettqu l-ħatt l-art skont l-obbligi tal-Ftehim dwar is-Sajd mal-Marokk, notifika minn qabel b'mezzi elettroniċi ta' 4 sigħat tista' tkun eċċessiva u għandha titnaqqas għal sagħtejn. Barra minn hekk, il-kriterji biex jiġu stabbiliti perjodi iqsar ta' notifika minn qabel għandhom jitqiesu li huma r-riskju ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd u l-ksur serju mwettaq minn dawk il-bastimenti.

Emenda 45

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 20 – paragrafu 2b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2b. Biex japplikaw għal awtorizzazzjoni ħalli jittrasbordaw skont il-paragrafu 2a, il-kaptani ta' bastimenti tal-Unjoni għandhom jissottomettu b'mod elettroniku lill-Istat Membru tal-bandiera tagħhom, tal-anqas 3 ijiem qabel l-operazzjoni ppjanata ta' trasbord, l-	2b. Biex japplikaw għal awtorizzazzjoni ħalli jittrasbordaw skont il-paragrafu 2a, il-kaptani ta' bastimenti tal-Unjoni għandhom jissottomettu b'mod elettroniku lill-Istat Membru tal-bandiera tagħhom, tal-anqas 24 siegħa qabel l-operazzjoni ppjanata ta' trasbord, l-

informazzjoni li ġejja:	informazzjoni li ġejja:

Or. es

Ġustifikazzjoni

Ħin ta' notifika minn qabel ta' 24 siegħa huwa soluzzjoni raġonevoli u jiffaċilita l-piż amministrattiv.

Emenda 46

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 21 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-Kummissjoni hi mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 119a biex teżenta lil ċerti kategoriji ta' bastimenti tas-sajd mill-obbligu stabbilit fil-paragrafu 1, b'kunsiderazzjoni tal-kwantitajiet u/jew tat-tip ta' prodotti tas-sajd."	6. Il-Kummissjoni hi mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 119a biex teżenta lil ċerti kategoriji ta' bastimenti tas-sajd mill-obbligu stabbilit fil-paragrafu 1, b'kunsiderazzjoni tal-kwantitajiet u/jew tat-tip ta' prodotti tas-sajd***, kif ukoll ir-riskju ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd jew ma' leġiżlazzjoni oħra rilevanti. Fid-definizzjoni tar-riskju għandu jitqies il-ksur serju mwettaq mill-bastimenti kkonċernati*."***;***

Or. es

Ġustifikazzjoni

L-operazzjonijiet ta' trasbord jippreżentaw riskju li jiġi permess dħul illegali fil-katina alimentari u għalhekk, meta jkunu qed jiġu stabbiliti d-derogi, għandu jitqies ir-riskju ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd.

Emenda 47

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 22 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Kaptani ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni b'tul totali ta' 10 metri jew aktar għandhom jibagħtu permezz ta' mezzi elettroniċi l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 21 lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera tagħhom fi żmien 24 siegħa wara t-tlestija tal-operazzjoni ta' trasbord.	1. Kaptani ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni b'tul totali ta' 10 metri jew aktar għandhom jibagħtu permezz ta' mezzi elettroniċi ***permezz ta' formola unika, armonizzata fil-livell tal-Unjoni u komuni għall-Istati Membri kollha,*** l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 21 lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera tagħhom fi żmien 24 siegħa wara t-tlestija tal-operazzjoni ta' trasbord.

Or. es

Ġustifikazzjoni

Sabiex tinkiseb armonizzazzjoni tal-kontrolli fl-attivitajiet tas-sajd fl-UE, jeħtieġ li jkun hemm formola unika komuni għall-Istati Membri kollha.

Emenda 48

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 23 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-kaptan ta' bastiment tas-sajd tal-Unjoni, jew ir-rappreżentant ta' dan, għandu jimla dikjarazzjoni elettronika tal-ħatt l-art.	1. Il-kaptan ta' bastiment tas-sajd tal-Unjoni, jew ir-rappreżentant ta' dan, għandu jimla dikjarazzjoni elettronika tal-ħatt l-art komuni għall-Istati Membri kollha.

Or. es

Ġustifikazzjoni

Sabiex tinkiseb armonizzazzjoni tal-kontrolli fl-attivitajiet tas-sajd fl-UE, hija meħtieġa dikjarazzjoni unika komuni għall-Istati Membri kollha.

Emenda 49

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 23 – paragrafu 2 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
g) ***in-numru*** ta' ***reġistrazzjoni*** tal-piżatur;	g) ***id-data*** ta' ***identifikazzjoni*** tal-piżatur;

Or. es

Ġustifikazzjoni

Jekk l-użin iseħħ fl-irkant, dan jitqies bħala biżżejjed biex jiġi identifikat l-irkant tal-ħut.

Emenda 50

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 23
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 25a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-kontroll effettiv tal-obbligu ta' ħatt l-art. Għal dan l-għan, perċentwal minimu ta' bastimenti tas-sajd li jistadu għal speċijiet soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art u li jtajru l-bandiera tagħhom stabbilita f'konformità mal-paragrafu 2, għandu jkun mgħammar b'sistemi li jirrekordjaw kontinwament ta' Televiżjoni b'Ċirkwit Magħluq (CCTV) li jinkorporaw fihom il-ħżin tad-data.	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-kontroll effettiv tal-obbligu ta' ħatt l-art. Għal dan l-għan, perċentwal minimu ta' bastimenti tas-sajd***, identifikati fil-qafas ta' programmi speċifiċi ta' kontroll u spezzjoni adottati skont l-Artikolu 95 bħala li huma f'riskju għoli ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligu ta' ħatt l-art,*** li jistadu għal speċijiet soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art u li jtajru l-bandiera tagħhom stabbilita f'konformità mal-paragrafu 2, għandu jkun mgħammar b'sistemi li jirrekordjaw kontinwament ta' Televiżjoni b'Ċirkwit Magħluq (CCTV) ***jew sistemi oħra ta' monitoraġġ tar-rimi*** li jinkorporaw fihom il-ħżin tad-data.

Or. es

Ġustifikazzjoni

Il-preżunzjoni tal-innoċenza hija prinċipju ġuridiku li għandu jinżamm fi kwalunkwe qasam, inkluż fil-kontrolli fis-settur tas-sajd tal-UE. Għalhekk, l-installazzjoni ta' kameras kif ukoll ta' apparati oħra ta' monitoraġġ tar-rimi għandhom ikunu obbligatorji biss għal bastimenti identifikati bħala li jinsabu f'riskju għoli ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligu ta' ħatt l-art.

Emenda 51

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 27
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 33 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fil-każ li fih Stat Membru jindividwa inkonsistenzi bejn l-informazzjoni sottomessa f'konformità mal-paragrafi 2 u 3 u r-riżultati tal-validazzjoni mwettqa f'konformità mal-Artikolu 109, l-Istat Membru għandu jipprovdi, f'konformità mal-istess paragrafi, il-kwantitajiet korretti stabbiliti fuq il-bażi ta' dik il-validazzjoni malli jkunu disponibbli u mhux aktar tard minn 12-il xahar wara d-data tal-ħatt l-art.	4. Fil-każ li fih Stat Membru jindividwa inkonsistenzi bejn l-informazzjoni sottomessa lill-Kummissjoni f'konformità mal-paragrafi 2 u 3 u r-riżultati tal-validazzjoni mwettqa f'konformità mal-Artikolu 109, dan għandu jwettaq verifiki u kontroverifiki tad-data b'mod li jikkoreġi kwalunkwe inkonsistenza. Barra minn hekk, l-Istat Membru għandu jipprovdi l-ammonti korretti miksuba fuq il-bażi ta' dik il-validazzjoni lill-Kummissjoni malli jkun disponibbli u mhux aktar tard minn 12-il xahar wara d-data tal-ħatt l-art.

Or. es

Ġustifikazzjoni

Fejn jinstabu inkonsistenzi fid-data, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni sottomessa tiġi kkoreġuta.

Emenda 52

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 27
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 33 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-qabdiet meħuda fil-qafas ta' riċerka xjentifika li huma kkummerċjalizzati u mibjugħa inklużi, fejn xieraq, dawk taħt id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni applikabbli, għandhom jiġu rreġistrati mill-Istati Membri u d-data dwar it-tali qabdiet għandha tiġi sottomessa lill-Kummissjoni. Dawn għandhom jingħaddu b'rabta mal-kwota applikabbli għall-Istat Membru tal-bandiera ***sa fejn dawn jaqbżu t-2 % tal-kwoti kkonċernati***. Dan il-paragrafu ma għandux japplika għal qabdiet meħuda matul stħarriġijiet ta' riċerka fil-baħar kif imsemmija fl-Artikolu 5(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).	6. Il-qabdiet meħuda fil-qafas ta' riċerka xjentifika li huma kkummerċjalizzati u mibjugħa inklużi, fejn xieraq, dawk taħt id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni applikabbli, għandhom jiġu rreġistrati mill-Istati Membri u d-data dwar it-tali qabdiet għandha tiġi sottomessa lill-Kummissjoni. Dawn għandhom jingħaddu b'rabta mal-kwota applikabbli għall-Istat Membru tal-bandiera ***kkonċernat***. Dan il-paragrafu ma għandux japplika għal qabdiet meħuda matul stħarriġijiet ta' riċerka fil-baħar kif imsemmija fl-Artikolu 5(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

Or. es

Ġustifikazzjoni

Jekk il-qabdiet preċedenti tar-riċerka xjentifika jiġu kkummerċjalizzati u mibjugħa, għandhom jingħaddu bħala parti mill-kwota tal-Istat Membru tal-bandiera fi kwalunkwe każ, peress li hija operazzjoni kummerċjali aktar milli studju xjentifiku.

Emenda 53

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 27
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 33 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. Il-qabdiet li jsiru fil-qafas tar-riċerka xjentifika jistgħu jingħataw lill-proġetti soċjali, inklużi dawk maħsuba għat-tmigħ tal-persuni mingħajr dar.

Or. es

Emenda 54

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 27
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 33 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. L-isforz tas-sajd użat fil-kuntest tar-riċerka xjentifika minn bastiment li jġorr irkaptu jew irkapti tas-sajd soġġett għal reġim tal-isforz tas-sajd jew li jopera f'sajd soġġett għal reġim tal-isforz tas-sajd f'żona ġeografika soġġetta għal dak ir-reġim tal-isforz tas-sajd għandu jiġi attribwit għall-isforz tas-sajd massimu permissibbli relatat ma' tali rkaptu jew irkapti tas-sajd u ma' tali żona ġeografika tal-Istat Membru tal-bandiera jekk il-qabdiet meħuda matul l-użu ta' dan l-isforz jiġu kkumerċjalizzati u mibjugħin ***sa fejn jeċċedu t-2 % tal-isforz tas-sajd allokat***. Dan il-paragrafu ma għandux japplika għal qabdiet meħuda matul stħarriġijiet ta' riċerka fil-baħar kif imsemmija fl-Artikolu 5(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1004.	8. L-isforz tas-sajd użat fil-kuntest tar-riċerka xjentifika minn bastiment li jġorr irkaptu jew irkapti tas-sajd soġġett għal reġim tal-isforz tas-sajd jew li jopera f'sajd soġġett għal reġim tal-isforz tas-sajd f'żona ġeografika soġġetta għal dak ir-reġim tal-isforz tas-sajd għandu jiġi attribwit għall-isforz tas-sajd massimu permissibbli relatat ma' tali rkaptu jew irkapti tas-sajd u ma' tali żona ġeografika tal-Istat Membru tal-bandiera jekk il-qabdiet meħuda matul l-użu ta' dan l-isforz jiġu kkumerċjalizzati u mibjugħin. Dan il-paragrafu ma għandux japplika għal qabdiet meħuda matul stħarriġijiet ta' riċerka fil-baħar kif imsemmija fl-Artikolu 5(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1004.

Or. es

Ġustifikazzjoni

Jekk il-qabdiet preċedenti tar-riċerka xjentifika jiġu kkummerċjalizzati u mibjugħa, għandhom jingħaddu bħala parti mill-kwota tal-Istat Membru tal-bandiera fi kwalunkwe każ, peress li hija operazzjoni kummerċjali aktar milli investigazzjoni.

Emenda 55

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 28
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 34 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru biex jissottometti informazzjoni	***1. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni, mingħajr***

aktar dettaljata u aktar frekwenti minn dik ippruvduta fl-Artikolu 33 fil-każ li jiġi stabbilit li 80 % ta' kwota għal stokk jew għal grupp ta' stokkijiet titqies li hi eżawrita."	***dewmien, meta jistabbilixxu li:***
	a) Ikun ġie milħuq it-80 % tal-qbid ta' stokk jew grupp ta' stokkijiet soġġetti għal kwota korrispondenti għall-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom; o
	b) Ikun ġie eżawrit it-80 % tal-isforz tas-sajd massimu għal irkaptu tas-sajd jew sajd speċifiku u għal żona ġeografika korrispondenti u applikabbli għall-bastimenti tas-sajd kollha jew għal parti minnhom li jtajru l-bandiera tagħhom.
	F'każ bħal dan, il-Kummissjoni tista' titlob informazzjoni aktar dettaljata u frekwenti mill-informazzjoni pprovduta skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 33.

Or. es

Ġustifikazzjoni

Minbarra l-kwoti, l-isforz tas-sajd jikkonsisti f'limiti obbligatorji għal ċertu sajd u rkaptu tas-sajd li jeħtieġ li jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom ikunu obbligati jinnotifikaw lill-Kummissjoni meta kwota jew sforz ikunu qrib l-eżawriment.

(L-Artikolu 34 fit-test tal-Kummissjoni jsir parti mill-paragrafu 1a (ġdid), ara Emenda 56)

Emenda 56

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 28
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 34 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru biex jissottometti informazzjoni aktar dettaljata u aktar frekwenti minn dik ippruvduta fl-Artikolu 33 fil-każ li jiġi stabbilit li 80 % ta' kwota għal stokk jew għal grupp ta' stokks titqies li hi eżawrita**,**

jew ikun ġie eżawrit it-80 % tal-isforz tas-sajd massimu għal irkaptu tas-sajd jew sajd speċifiku u għal żona ġeografika korrispondenti. F'dak il-każ, l-Istat Membru għandu jipprovdi lill-Kummissjoni bl-informazzjoni mitluba.

Or. es

Ġustifikazzjoni

Iż-żieda tal-qawwa tal-magna għandha tintrabat mal-kunċett ta' ksur biex tiġi distinta minn kwalunkwe żieda li ttejjeb is-sigurtà u l-kundizzjonijiet tax-xogħol abbord.

(L-Artikolu 34 fit-test tal-Kummissjoni jsir parti mill-paragrafu 1a (ġdid), ara Emenda 55)

Emenda 57

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 35
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 39a – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bastimenti li jkunu wettqu reat relatat mal-manipulazzjoni ta' magna sabiex tiżdied is-saħħa tal-bastiment 'il fuq mill-qawwa massima kontinwa tal-magna kif indikat fiċ-ċertifikat tal-magna, ikunu mgħammra b'apparati installati b'mod permanenti li jkejlu u jirreġistraw is-saħħa tal-magna.

Or. es

Ġustifikazzjoni

Iż-żieda tal-qawwa tal-magna għandha tintrabat mal-kunċett ta' ksur biex tiġi distinta minn kwalunkwe żieda li ttejjeb is-sigurtà u l-kundizzjonijiet tax-xogħol abbord.

Emenda 58

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 37
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 41 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri għandhom jivverifikaw il-preċiżjoni u l-konsistenza tad-data dwar is-saħħa tal-magna u t-tunnellaġġ, billi jużaw l-informazzjoni kollha disponibbli relatata mal-karatteristiċi tekniċi tal-bastiment ikkonċernat.

Or. es

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda terġa' ddaħħal l-obbligu eżistenti għall-Istati Membri li jivverifikaw il-preċiżjoni u l-konsistenza tad-data dwar is-saħħa tal-magna. Barra minn hekk, it-tunnellaġġ huwa inkluż kif rakkomandat mill-Qorti tal-Awdituri fir-rapport tagħha tal-2017 dwar il-kontroll tas-sajd.

Emenda 59

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 44
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 55 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a) idaħħlu fis-seħħ sistema ta' reġistrazzjoni jew ta' liċenzjar li tissorvelja n-numru ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi involuti fis-sajd rikreattiv; y	a) idaħħlu fis-seħħ sistema ta' reġistrazzjoni jew ta' liċenzjar li tissorvelja n-numru ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi involuti fis-sajd rikreattiv***, li tittrażmetti lill-applikanti ta' tali liċenzji l-informazzjoni b'rabta mal-miżuri ta' konservazzjoni tal-Unjoni li japplikaw għaż-żona kkonċernata, inklużi r-restrizzjonijiet tal-qbid***; y

Or. es

Ġustifikazzjoni

Filwaqt li n-nuqqas ta' għarfien ta' liġi ma jeħlisx lill-Istati Membri mit-tort li ma jikkonformawx magħha, l-Istati Membri għandhom jgħinu lis-sajjieda rikreattivi biex ikunu konxji mill-miżuri ta' konservazzjoni li jkollhom jirrispettaw u jirrestringu r-restrizzjonijiet li jridu jikkonformaw magħhom.

Emenda 60

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 44
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 55 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b) jiġbru data dwar il-qabdiet mit-tali sajd permezz ta' ***rapportar tal-qabdiet jew mekkaniżmi oħra ta' ġbir tad-data bbażati fuq metodoloġija*** li ***għandha tiġi nnotifikata*** lill-Kummissjoni.	b) jiġbru data dwar il-qabdiet mit-tali sajd permezz ta' ***dikjarazzjoni elettronika unika, sempliċi, mingħajr ħlas u uniformi għall-Istati Membri kollha*** li ***jittrażmettu*** lill-Kummissjoni.

Or. es

Ġustifikazzjoni

Sabiex tinkiseb armonizzazzjoni reali u ġbir effiċjenti tad-data, ir-rappurtar tal-qabdiet għas-sajd rikreattiv għandu jkun uniku u uniformi għall-Istati Membri kollha, sempliċi u mingħajr ħlas.

Emenda 61

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 44
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 55 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Permezz ta' atti ***ta' implimentazzjoni***, il-Kummissjoni tista' tadotta regoli dettaljati dwar:	Permezz ta' atti ***delegati***, il-Kummissjoni tista' tadotta regoli dettaljati dwar:

Or. es

Ġustifikazzjoni

Minħabba li s-sajd rikreattiv huwa kompetenza tal-Istati Membri u huwa attività li għandha impatt fuq ir-riżorsi bijoloġiċi marini, l-atti delegati huma aktar xierqa għall-iżvilupp tar-regoli dwar is-sajd rikreattiv.

Emenda 62

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 44
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 55 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dawk l-atti ***ta' implimentazzjoni*** għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' ***eżami*** msemmija fl-Artikolu 119(2).	Dawk l-atti ***delegati*** għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' ***eżaminazzjoni*** msemmija fl-Artikolu 119(2).

Or. es

Ġustifikazzjoni

Minħabba li s-sajd rikreattiv huwa kompetenza tal-Istati Membri u huwa attività li għandha impatt fuq ir-riżorsi bijoloġiċi marini, l-atti delegati huma aktar xierqa għall-iżvilupp tar-regoli dwar is-sajd rikreattiv.

Emenda 63

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 44
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 55 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Dan l-Artikolu għandu japplika għal kwalunkwe attività tas-sajd rikreattiv, inklużi attivitajiet tas-sajd organizzati minn entitajiet kummerċjali fis-settur tat-turiżmu u fis-settur tal-kompetizzjonijiet sportivi**.** ».	6. Dan l-Artikolu għandu japplika għal kwalunkwe attività tas-sajd rikreattiv, inklużi attivitajiet tas-sajd organizzati minn entitajiet kummerċjali fis-settur tat-turiżmu u fis-settur tal-kompetizzjonijiet sportivi***, inkużi l-bastimenti mikrija għas-sajd rikreattiv."***

Or. es

Ġustifikazzjoni

Is-settur tal-bastimenti li jintużaw għas-sajd rikreattiv għandu potenzjal kbir ta' tkabbir u għandu impatt dirett u immedjat fuq il-ġestjoni tar-riżorsi bijoloġiċi marini.

Emenda 64

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 46
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 56 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Kull Stat Membru għandu jkun responsabbli għall-kontroll fit-territorju tiegħu tal-applikazzjoni tar-regoli tal-politika komuni tas-sajd fl-istadji kollha tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, ***mit-tqegħid tagħhom fis-suq*** sal-bejgħ bl-imnut, inkluż ***it-trasport***. L-Istati Membri għandhom jieħdu b'mod partikolari miżuri li jiżguraw li l-użu ta' prodotti tas-sajd taħt id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni li huma soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art stipulat fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jiġi ristrett għal skopijiet oħra għajr dak tal-konsum dirett mill-bniedem.	1. Kull Stat Membru għandu jkun responsabbli għall-kontroll fit-territorju tiegħu tal-applikazzjoni tar-regoli tal-politika komuni tas-sajd fl-istadji kollha tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, ***mill-ewwel bejgħ*** sal-bejgħ bl-imnut, inkluż ***il-kejtering u t-trasport***. L-Istati Membri għandhom jieħdu b'mod partikolari miżuri li jiżguraw li l-użu ta' prodotti tas-sajd taħt id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni li huma soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art stipulat fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jiġi ristrett għal skopijiet oħra għajr dak tal-konsum dirett mill-bniedem.

Or. es

Ġustifikazzjoni

It-terminu "l-ewwel bejgħ" jesprimi b'mod iktar preċiż u ċar l-istadju li fih prodott jitqiegħed fis-suq, u huwa aktar konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 59. Il-kejtering għandu jiġi inkluż biex ikopri l-istadji kollha tal-katina "mill-għalqa sal-platt", f'dan il-każ "mill-baħar sal-mejda".

Emenda 65

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 46
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 56a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura ***mill-qbid jew mill-ġbir*** għandhom jitqiegħdu f'lottijiet qabel ma jitqiegħdu fis-suq.	1. Il-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura għandhom jitqiegħdu f'lottijiet qabel ma jitqiegħdu fis-suq.

Or. es

Ġustifikazzjoni

It-terminu "tqegħid fis-suq" huwa wiesa' ħafna u jkopri l-proċessi kollha li jseħħu tul il-katina tal-provvista. Billi l-lottijiet iridu jikkonformaw mal-ewwel wieħed minn dawn il-proċessi, huwa aktar xieraq li dan jiġi espress bl-espressjoni "tqegħid fis-suq" li, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 59, jitwettaq permezz tal-ewwel bejgħ tal-prodotti. F'dan il-każ, it-terminu "tqegħid fis-suq" għandu jintuża biex ikopri każijiet li fihom prodotti tas-sajd jiqiegħdu f'lottijiet qabel l-ewwel bejgħ tagħhom.

Emenda 66

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 46
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 56a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Lott għandu jkun fih*** prodotti tas-sajd jew tal-akkwakultura ***ta'*** speċi waħda biss***, bl-istess*** preżentazzjoni ***u li*** ġejjin mill-istess żona ġeografika rilevanti u mill-istess bastiment tas-sajd, jew grupp ta' bastimenti tas-sajd, jew mill-istess unità ta' produzzjoni tal-akkwakultura.	2. ***Il-lottijiet ta'*** prodotti tas-sajd jew tal-akkwakultura ***għandu jkun fihom*** speċi waħda biss ***tal-istess*** preżentazzjoni***,*** ġejjin mill-istess żona ġeografika rilevanti u mill-istess bastiment tas-sajd, jew grupp ta' bastimenti tas-sajd, jew mill-istess unità ta' produzzjoni tal-akkwakultura.

Or. es

Ġustifikazzjoni

F'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2406/96 tas-26 ta' Novembru 1996, il-lottijiet tal-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura għandhom jirrispettaw il-kategoriji tad-daqs u l-freskezza għall-ispeċijiet soġġetti għal dawn l-istandards għall-finijiet tal-ewwel bejgħ.

Emenda 67

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 46
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 56a – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 2, il-kwantitajiet ta' prodotti tas-sajd li b'kollox jiżnu anqas minn 30 kg fi prodotti tas-sajd ta' diversi speċijiet u li jiġu mill-istess żona ġeografika rilevanti u bl-istess preżentazzjoni, għal kull bastiment u għal kull jum, jistgħu jitqiegħdu fl-istess lott mill-operatur tal-bastiment tas-sajd, li fl-organizzazzjoni ta' produtturi tiegħu l-operatur tal-bastiment tas-sajd hu membru jew xerrej reġistrat, qabel it-tqegħid fis-suq.	3. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 2, il-kwantitajiet ta' prodotti tas-sajd li b'kollox jiżnu anqas minn 30 kg fi prodotti tas-sajd ta' diversi speċijiet u li jiġu mill-istess żona ġeografika rilevanti u bl-istess preżentazzjoni, għal kull bastiment u għal kull jum, jistgħu jitqiegħdu fl-istess lott mill-operatur tal-bastiment tas-sajd, li fl-organizzazzjoni ta' produtturi tiegħu l-operatur tal-bastiment tas-sajd hu membru***, irkant*** jew xerrej reġistrat, qabel it-tqegħid fis-suq.

Or. es

Ġustifikazzjoni

Huwa meħtieġ li l-irkant tal-ħut jissejjaħ bħala entità kkwalifikata, flimkien mal-organizzazzjoni tal-produtturi u x-xerrej awtorizzat, biex jissawru l-lottijiet imsemmija fil-paragrafu 3.

Emenda 68

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 46
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 3 – paragrafu 5 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ca) Il-lottijiet imsemmija fil-paragrafu 3 jistgħu jinżammu tul il-katina ta' kummerċjalizzazzjoni sakemm ma jappartjenux għal lott ieħor jew ikunu mqassma.

Or. es

Ġustifikazzjoni

Huwa meqjus neċessarju li din il-kjarifika ssir b'tali mod li ma jkun hemm l-ebda dubju dwar jekk il-lott magħmul minn għadd ta' speċijiet u li jkun ġej mill-istess żona ġeografika u bl-istess preżentazzjoni li kkombinat total ta' inqas minn 30 kilogrammi ta' piż għal kull reċipjent, jistax jinstab f'livell ieħor tal-katina ta' kummerċjalizzazzjoni qabel l-ewwel bejgħ.

Emenda 69

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 46
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 57 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-kontrolli jistgħu jsiru fl-istadji kollha fil-katina ta' provvista, inkluż fit-trasport. Fil-każ ta' prodotti li għalihom l-istandards komuni ta' kummerċjalizzazzjoni japplikaw matul it-tqegħid fis-suq biss, il-kontrolli mwettqa fi stadji ulterjuri fil-katina ta' provvista jistgħu jkunu ta' natura dokumentarja.	2. Il-kontrolli jistgħu jsiru fl-istadji kollha fil-katina ta' provvista, inkluż fit-trasport ***u fil-kejtering***. Fil-każ ta' prodotti li għalihom l-istandards komuni ta' kummerċjalizzazzjoni japplikaw matul it-tqegħid fis-suq biss, il-kontrolli mwettqa fi stadji ulterjuri fil-katina ta' provvista jistgħu jkunu ta' natura dokumentarja.

Or. es

Ġustifikazzjoni

Il-kejtering għandu jiġi inkluż biex ikopri l-istadji kollha tal-katina "mill-għalqa sal-platt", f'dan il-każ "mill-baħar sal-mejda".

Emenda 70

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 46
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 58 – paragrafu 6 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
d) iż-żona/i ġeografika/ġeografiċi rilevanti għall-prodotti tas-sajd maqbuda mill-baħar, jew iż-żona tal-qabda jew tal-produzzjoni kif definita fl-Artikolu 38(1) tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013 ***għal***	d) iż-żona/i ġeografika/ġeografiċi rilevanti għall-prodotti tas-sajd maqbuda mill-baħar, ***kif irrappurtat fiż-żona/is-subżona/id-diviżjoni statistika tal-FAO fejn inqabad il-ħut u fejn ingħatat***

prodotti tas-sajd maqbuda fl-ilma ħelu u ***għall-prodotti*** tal-akkwakultura;	***indikazzjoni dwar jekk il-qabda kinitx maqbuda fil-baħar, fiż-Żona Regolatorja ta' Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd (RFMOs) jew f'żona ekonomika esklussiva (ŻEE),*** jew iż-żona tal-qabda jew tal-produzzjoni kif definita fl-Artikolu 38(1) tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013 ***għall-prodotti*** tas-sajd maqbuda fl-ilma ħelu u ***l-prodotti*** tal-akkwakultura;

Or. es

Ġustifikazzjoni

Ir-rekwiżiti l-ġodda ta' traċċabilità għandhom jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti jittraċċaw l-oriġini tal-prodotti lejn il-bastiment li jkun wettaq il-qabdiet u, b'mod kemm jista' jkun preċiż, taż-żona li fiha nqabdet il-qabda.

Emenda 71

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 49
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 60 – paragrafu 5 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ca) fil-każ ta' prodotti tas-sajd maħsuba għall-konsum uman, l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-użin tal-prodotti tas-sajd mhux imqassma biex jitqiegħdu fis-suq skont id-deroga fl-Artikolu 56a(3).

Or. es

Ġustifikazzjoni

Tradizzjonalment, l-irkantijiet ta' sajd lokali jkunu kkummerċjalizzaw b'mod konġunt numru ta' ħut li, b'mod separat, ma jkollhomx valur kummerċjali iżda li, jekk jiġu kkummerċjalizzati flimkien bħala prodott imsejjaħ "ħut ta' soppa", ikollhom. L-Artikolu 56a(3) jipprovdi għall-possibilità li jiġi kkummerċjalizzat ħut ta' soppa, peress li jippermetti l-kummerċjalizzazzjoni fl-istess lott ta' prodotti tas-sajd ta' diversi speċijiet. Għalhekk, għandha tiġi stabbilita eċċezzjoni tal-użin li tkun kumplimentari għall-eċċezzjoni fil-ħolqien ta' lottijiet għall-kummerċjalizzazzjoni.

Emenda 72

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 56
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 68 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Qabel ma jibda t-trasport, ***it-trasportatur*** għandu jibgħat id-dokument tat-trasport b'mod elettroniku lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera, tal-Istat Membru tal-ħatt l-art, tal-Istat(i) Membru ta' tranżitu, tal-Istat Membru ta' destinazzjoni tal-prodott tas-sajd, kif xieraq.	2. Qabel ma jibda t-trasport, ***l-uffiċjal awtorizzat għall-użin tal-prodotti tas-sajd*** għandu jibgħat id-dokument tat-trasport b'mod elettroniku lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera, tal-Istat Membru tal-ħatt l-art, tal-Istat(i) Membru ta' tranżitu, tal-Istat Membru ta' destinazzjoni tal-prodott tas-sajd, kif xieraq.

Or. es

Ġustifikazzjoni

La huwa komprensibbli u lanqas operattiv li t-trasportatur jingħata l-obbligi relatati mat-trażmissjoni tad-dokument tat-trasport lill-awtorità kompetenti. Dan għandu jkun f'idejn l-uffiċjali awtorizzat responsabbli għall-użin tal-prodotti tas-sajd, anke jekk inqisu li r-rekords tal-użin iridu jintużaw biex jitlesta d-dokument imsemmi.

Emenda 73

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 56
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 68 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***It-trasportatur*** għandu jkun responsabbli għall-akkuratezza tad-dokument tat-trasport.	3. ***L-uffiċjal awtorizzat għall-użin ta' prodotti tas-sajd*** għandu jkun responsabbli għall-akkuratezza tad-dokument tat-trasport.

Or. es

Ġustifikazzjoni

Skont l-emenda ta' qabel, huwa meħtieġ li r-responsabilità għall-preċiżjoni tad-dokument tat-trasport tiġi attribwita lill-uffiċjal awtorizzat għall-użin tal-prodotti tas-sajd, mingħajr preġudizzju għar-responsabilità tat-trasportatur fit-twettiq tal-attività tiegħu.

Emenda 74

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 60
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 76 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-uffiċjali għandhom iħejju rapport tal-ispezzjoni ***wara kull spezzjoni*** u għandhom jibagħtuh lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Id-data li tinsab f'dan ir-rapport għandha tiġi reġistrata u trażmessa b'mezzi elettroniċi. F'każ li l-ispezzjoni ta' bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera ta' Stat Membru ieħor, kopja tar-rapport tal-ispezzjoni għandha tintbagħat b'mezzi elettroniċi u mingħajr dewmien lill-Istat Membru tal-bandiera.	***Wara kull spezzjoni,*** l-uffiċjali għandhom iħejju rapport tal-ispezzjoni ***abbażi ta' formola elettronika li jkun fiha l-istess informazzjoni għall-Istati Membri kollha,*** u għandhom jibagħtuh lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom***, lill-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd u lill-operatur jew lill-kaptan. L-Istati Membri jistgħu jinkludu informazzjoni addizzjonali ma' dik li tinsab fil-format elettroniku komuni***. Id-data li tinsab f'dan ir-rapport għandha tiġi reġistrata u trażmessa b'mezzi elettroniċi. F'każ li l-ispezzjoni ta' bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera ta' Stat Membru ieħor, kopja tar-rapport tal-ispezzjoni għandha tintbagħat b'mezzi elettroniċi u mingħajr dewmien lill-Istat Membru tal-bandiera.

Or. es

Ġustifikazzjoni

Sabiex il-kontrolli jkunu jistgħu jiġu omoġenizzati madwar l-UE, l-Istati Membri kollha għandhom jużaw formola komuni għar-rapporti ta' spezzjoni li jkun fiha l-istess informazzjoni bażika dwar il-verifiki mwettqa. Imbagħad, l-Istati Membri huma liberi li jinkludu informazzjoni addizzjonali. Din l-emenda hija parti mill-kompromess li ntlaħaq bejn il-gruppi politiċi kollha fil-leġiżlatura preċedenti.

Emenda 75

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 60
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 76 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fil-każ tal-ispezzjoni ta' bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera ta' Stat Membru ieħor, għandha tintbagħat b'mezzi elettroniċi u mingħajr dewmien kopja tar-rapport tal-ispezzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz ikkonċernat u lill-Kummissjoni fil-każ ta' ksur serju identifikat.	Fil-każ tal-ispezzjoni ta' bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera ta' Stat Membru ieħor, għandha tintbagħat b'mezzi elettroniċi u mingħajr dewmien kopja tar-rapport tal-ispezzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz ikkonċernat***, lill-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd, lill-operatur jew lill-kaptan,*** u lill-Kummissjoni fil-każ ta' ksur serju identifikat.

Or. es

Ġustifikazzjoni

Modifika abbażi tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba stabbilit fl-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Din l-emenda hija parti mill-kompromess li ntlaħaq bejn il-gruppi politiċi kollha fil-leġiżlatura preċedenti.

Emenda 76

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 60
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 76 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
F'każ li spezzjoni mwettqa fl-ibħra jew fil-portijiet taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru ieħor li mhuwiex l-Istat Membru tal-ispezzjoni jew ta' pajjiż terz f'konformità mal-ftehimiet internazzjonali, għandha tintbagħat kopja tar-rapport tal-ispezzjoni b'mezzi elettroniċi u mingħajr dewmien lil dak l-Istat Membru jew dak il-pajjiż terz.	F'każ li spezzjoni mwettqa fl-ibħra jew fil-portijiet taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru ieħor li mhuwiex l-Istat Membru tal-ispezzjoni jew ta' pajjiż terz f'konformità mal-ftehimiet internazzjonali, għandha tintbagħat kopja tar-rapport tal-ispezzjoni b'mezzi elettroniċi u mingħajr dewmien lil dak l-Istat Membru jew dak il-pajjiż terz***, kif ukoll lill-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd, lill-operatur jew***

lill-kaptan.

Or. es

Ġustifikazzjoni

Modifika abbażi tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba stabbilit fl-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Din l-emenda hija parti mill-kompromess li ntlaħaq bejn il-gruppi politiċi kollha fil-leġiżlatura preċedenti.

Emenda 77

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 60
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 78 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u jżommu aġġornata bażi ta' data elettronika fejn itellgħu r-rapporti tal-ispezzjoni u r-rapporti ta' sorveljanza kollha li jikkonċernaw il-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom imfassla mill-uffiċjali tagħhom jew minn uffiċjali ta' Stati Membri oħra jew minn uffiċjali ta' pajjiżi terzi, kif ukoll rapporti ta' spezzjonijiet oħra u rapport ta' sorveljanza mfassla mill-uffiċjali tagħhom.	1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u jżommu aġġornata bażi ta' data elettronika fejn itellgħu r-rapporti tal-ispezzjoni u r-rapporti ta' sorveljanza kollha li jikkonċernaw il-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom imfassla mill-uffiċjali tagħhom jew minn uffiċjali ta' Stati Membri oħra jew minn uffiċjali ta' pajjiżi terzi, kif ukoll rapporti ta' spezzjonijiet oħra u rapport ta' sorveljanza mfassla mill-uffiċjali tagħhom. ***L-EFCA għandha tiċċentralizza l-bażijiet tad-data tal-Istati Membri.***

Or. es

Ġustifikazzjoni

Ir-rwol tal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd għandu jissaħħaħ biex il-kontrolli jiġu armonizzati u biex tiġi żgurata koordinazzjoni tajba. Fost l-oħrajn, l-Aġenzija għandha tiċċentralizza l-bażijiet tad-data tal-Istati Membri.

Emenda 78

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 69

Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 89a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li persuna fiżika li tkun wettqet ksur tar-regoli tal-politika komuni tas-sajd jew persuna ġuridika li tinżamm responsabbli għat-tali ksur tkun punibbli b'sanzjonijiet amministrattivi effettivi, proporzjonati u dissważivi.	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li persuna fiżika li tkun wettqet ksur tar-regoli tal-politika komuni tas-sajd jew persuna ġuridika li tinżamm responsabbli għat-tali ksur tkun punibbli b'sanzjonijiet amministrattivi ***u penali*** effettivi, proporzjonati u dissważivi.

Or. es

Emenda 79

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 69
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 89a – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri jistgħu japplikaw sistema li biha multa tkun proporzjonata għall-fatturat tal-persuna ġuridika, jew inkella għall-benefiċċju ekonomiku miksub jew previst mit-twettiq tal-ksur.	4. L-Istati Membri għandhom japplikaw sistema li biha multa tkun proporzjonata għall-fatturat tal-persuna ġuridika, jew inkella għall-benefiċċju ekonomiku miksub jew previst mit-twettiq tal-ksur.

Or. es

Emenda 80

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 69
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 90 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Il-Kummissjoni għandha tippubblika, qabel l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-penali,

linji gwida biex tiżgura determinazzjoni omoġenea tal-gravità tal-ksur fl-Unjoni, u interpretazzjoni uniformi tad-diversi penali applikabbli. Dawk il-linji gwida għandhom jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-Kummissjoni u jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku ġenerali.

Or. es

Ġustifikazzjoni

Sabiex tiġi evitata l-inġustizzja u t-trattament differenti fi ħdan l-Unjoni, jeħtieġ li l-Kummissjoni tassisti lill-Istati Membri fid-determinazzjoni tal-gravità tal-ksur u biex tiżgura interpretazzjoni uniformi tad-diversi penali applikabbli.

Emenda 81

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 69
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 91a – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Fi kwalunkwe każ, mhux aktar minn Stat Membru wieħed jista' jiftaħ proċedimenti jew jimponi multi għall-istess att ta' ksur.

Or. es

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda titqies xierqa sabiex jiġi żgurat li penali doppja ma tkunx possibbli.

Emenda 82

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 69
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 91b – punt 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7) it-twaqqif temporanju jew	7) it-twaqqif temporanju jew

permanenti tal-aċċess għal assistenza pubblika jew għal sussidji pubbliċi;	permanenti tal-aċċess għal assistenza pubblika jew għal sussidji pubbliċi ***minnaħa tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd***;

Or. es

Ġustifikazzjoni

Jeħtieġ li din il-kwalifika tiġi inkluża sabiex tiġi evitata projbizzjoni assoluta li tingħata għajnuna pubblika jew sussidji li m'għandhom x'jaqsmu xejn mas-settur marittimu u tas-sajd.

Emenda 83

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 69
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 91b – punt 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
10) is-sospensjoni temporanja tal-attività ekonomika jew il-waqfien permanenti ta' din;	10) is-sospensjoni temporanja tal-attività ekonomika ***u tas-sajd*** jew il-waqfien permanenti ta' din;

Or. es

Ġustifikazzjoni

Huwa meħtieġ li jiġi limitat il-waqfien tal-attività ekonomika għal każijiet fejn l-attività tappartjeni għas-settur tas-sajd, u b'hekk tiġi evitata kwalunkwe attività oħra tal-impriża li tkun qed titwaqqaf.

Emenda 84

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 69
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 92 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***Filwaqt li jibqgħu marbuta mad-detentur tal-liċenzja li jkun biegħ il-bastiment tas-sajd***, il-punti ***assenjati għandhom jiġu assenjati lil kwalunkwe***	3. ***Fil-każ ta' bejgħ, trasferiment jew bidla oħra ta' sjieda wara d-data tal-ksur***, il-punti ***għandhom jibqgħu marbuta mad-detentur tal-liċenzja li jkun wettaq il-ksur***

detentur ġdid tal-liċenzja tas-sajd għall-bastiment tas-sajd ikkonċernat f'każ li l-bastiment jinbiegħ, jiġi ttrasferit jew b'mod ieħor jinbidel is-sid tiegħu wara d-data tal-ksur.	***u sussegwentement biegħ il-bastiment tas-sajd; fl-ebda każ m'għandhom jiġu assenjati lid-detentur il-ġdid tal-liċenzja tas-sajd korrispondenti għall-bastiment tas-sajd ikkonċernat***.

Or. es

Ġustifikazzjoni

L-allokazzjoni tal-punti ta' ksur lill-proprjetarju l-ġdid ta' bastiment hija ekwivalenti għad-duplikazzjoni tal-ksur u tmur kontra l-prinċipju ta' individwalità tal-pieni.

Emenda 85

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 71a (ġdid)
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 101 – paragrafu 4a (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	71a) fl-Artikolu 101, jiżdied il-paragrafu li ġej:
	5. Jekk, wara li l-azzjoni tkun ġiet adottata, l-Istat Membru xorta waħda jonqos milli jirrimedja s-sitwazzjoni u jieħu azzjoni dwar in-nuqqasijiet fis-sistema ta' kontroll tiegħu, il-Kummissjoni għandha tibda investigazzjoni bil-għan li tiftaħ proċedimenti ta' ksur kontra dak l-Istat Membru.

Or. es

Ġustifikazzjoni

Din il-miżura għandha l-għan li tindirizza sitwazzjonijiet fejn il-pjanijiet ta' azzjoni jkunu nfetħu għal żmien twil, mingħajr ebda riżultat. F'dan il-każ, il-Kummissjoni, fir-rwol tagħha bħala Gwardjan tat-Trattati, għandha l-obbligu li taġixxi u tieħu l-azzjoni meħtieġa biex tirrimedja s-sitwazzjoni.

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:02009R1224-20190814&qid=1582016726712&from=EN)

Emenda 86

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 73 – punt a
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 104 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
«1. Meta Stat Membru ma jirrispettax l-obbligi tiegħu ***għall-implimentazzjoni ta' pjan pluriennali***, u meta l-Kummissjoni jkollha evidenza li n-nuqqas ta' rispett ta' dawk l-obbligi jikkostitwixxi theddida serja għall-konservazzjoni ta' stokk jew ta' grupp ta' stokkijiet, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tagħlaq b'mod proviżorju s-sajd affetwat minn dawk in-nuqqasijiet għall-Istat Membru kkonċernat."	«1. Meta Stat Membru ma jirrispettax l-obbligi tiegħu ***għall-osservazzjoni tar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, inklużi l-miżuri tekniċi għall-konservazzjoni tal-ekosistemi tal-baħar***, u meta l-Kummissjoni jkollha evidenza li n-nuqqas ta' rispett ta' dawk l-obbligi jikkostitwixxi theddida serja għall-konservazzjoni ta' stokk jew ta' grupp ta' stokkijiet, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tagħlaq b'mod proviżorju s-sajd affetwat minn dawk in-nuqqasijiet għall-Istat Membru kkonċernat."

Or. es

Ġustifikazzjoni

L-UE għandha kompetenza esklużiva għall-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi marini skont il-Politika Komuni tas-Sajd (l-Artikolu 3 tat-TFUE). Għalhekk, din id-dispożizzjoni għandha tapplika mhux biss għan-nuqqas tal-Istati Membri li jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont il-pjanijiet pluriennali, iżda għal kwalunkwe theddida serja għall-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar.

Emenda 87

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 77 – punt a
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 109 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
«1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu bażi tad-data kompjuterizzata għall-fini ta' validazzjoni tad-data rreġistrata f'konformità ma' dan ir-	«1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu bażi tad-data kompjuterizzata għall-fini ta' validazzjoni tad-data rreġistrata f'konformità ma' dan ir-

regolament. Il-validazzjoni tad-data reġistrata tinkludi l-kontroverifika, l-analiżi u l-verifika tad-data.	regolament. Il-validazzjoni tad-data reġistrata tinkludi l-kontroverifika, l-analiżi u l-verifika tad-data. ***Id-data kollha mill-bażijiet tad-data tal-Istati Membri għandha tiġi trażmessa f'bażi tad-data waħda ġestita mill-EFCA.***

Or. es

Ġustifikazzjoni

Ir-rwol tal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd għandu jissaħħaħ, inter alia, bil-valur miżjud li tista' ġġib għall-koordinazzjoni tal-attivitajiet ta' kontroll tal-Istati Membri.

Emenda 88

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 81
Regolament (KE) Nru 1224/2009
Artikolu 112 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Data personali li tinsab fl-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 110(1) u (2) ma għandhiex tinħażen għal perjodu itwal minn ***5 snin***, ħlief għal data personali li hi neċessarja biex ikun jista' jingħata segwitu għal ilment, għal ksur, għal spezzjoni, għal verifika jew għal awditu jew għal proċedimenti ġudizzjarji jew amministrattivi kurrenti, li tista' tinżamm għal 10 snin. Jekk l-informazzjoni elenkata fl-Artikolu 110(1) u (2) tinżamm għal perjodu ta' żmien itwal, id-data għandha tiġi anonimizzata.	3. Data personali li tinsab fl-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 110(1) u (2) ma għandhiex tinħażen għal perjodu itwal minn ***sena***, ħlief għal data personali li hi neċessarja biex ikun jista' jingħata segwitu għal ilment, għal ksur, għal spezzjoni, għal verifika jew għal awditu jew għal proċedimenti ġudizzjarji jew amministrattivi kurrenti, li tista' tinżamm għal 10 snin. Jekk l-informazzjoni elenkata fl-Artikolu 110(1) u (2) tinżamm għal perjodu ta' żmien itwal, id-data għandha tiġi anonimizzata.

Or. es

Ġustifikazzjoni

Skont l-opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar ir-riforma tal-kontroll tas-sajd, in-neċessità mhijiex ġustifikata u l-perjodu ta' 5 snin mhuwiex iġġustifikat u jikkontradixxi b'mod ċar il-prinċipju tal-limitazzjoni tal-ħżin tad-data.

Emenda 89

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 9a (ġdid)
Regolament (KE) Nru 1005/2008
Artikolu 18 – paragrafu 3

Test fis-seħħ	*Emenda*
	9a) Fl-Artikolu 18, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:
3. Fl-eventwalità li l-importazzjoni ta' prodotti tas-sajd tiġi rrifjutata skond il-paragrafi 1 jew 2, l-Istati Membri jistgħu jikkonfiskaw u jeqirdu, jiddisponu minn jew ibiegħu dawn il-prodotti tas-sajd skond il-liġi nazzjonali. Il-qliegħ mill-bejgħ ***jista'*** jintuża għal finijiet ta' karità.	3. Fl-eventwalità li l-importazzjoni ta' prodotti tas-sajd tiġi rrifjutata skond il-paragrafi 1 jew 2, l-Istati Membri jistgħu jikkonfiskaw u jeqirdu, jiddisponu minn jew ibiegħu dawn il-prodotti tas-sajd skond il-liġi nazzjonali. Il-qliegħ mill-bejgħ ***għandu*** jintuża għal finijiet ta' karità.

Or. es

Ġustifikazzjoni

Fejn l-Istat Membru jbiegħ prodotti tas-sajd mhux awtorizzati, huwa għandu jalloka dawk il-profitti għal finijiet ta' karità.

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:02008R1005-20110309&qid=1582024898371&from=MT)

Emenda 90

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 10a (ġdid)
Regolament (KE) Nru 1005/2008
Artikolu 38 – paragrafu 8

Test fis-seħħ	*Emenda*
	10a) Fl-Artikolu 38, il-paragrafu 8 hu mibdul b'dan li ġej:
8) il-Kummissjoni għandha tipproponi d-denunzja ta' kull ftehim ta' sajd bilaterali eżistenti jew ftehim ta' sħubija ta' sajd ma' tali pajjiżi li jipprevedi t-terminazzjoni tal-ftehim fil-każ ta' nuqqas ta' konformità ma' l-impenji magħmula minnhom fir-rigward	8) il-Kummissjoni għandha tipproponi d-denunzja ta' kull ftehim ta' sajd bilaterali eżistenti jew ftehim ta' sħubija ta' sajd ma' tali pajjiżi li jipprevedi t-terminazzjoni tal-ftehim fil-każ ta' nuqqas ta' konformità ma' l-impenji magħmula minnhom fir-rigward tal-ġlieda kontra s-sajd IUU***. Fil-każ li l-***

tal-ġlieda kontra s-sajd IUU;	***Kummissjoni ssib attivitajiet relatati ma' sajd IUU, hija tista' tistabbilixxi miżuri ta' salvagwardja għall-prodotti tas-sajd, bħall-possibilità li t-tariffi preferenzjali jiġu sospiżi, sakemm jiġi kkonfermat in-nuqqas ta' sajd IUU;***

Or. es

Ġustifikazzjoni

Jeħtieġ li teżisti l-possibilità li jiġu stabbiliti miżuri ta' salvagwardja għall-prodotti tas-sajd, bħall-possibbiltà li t-tariffi preferenzjali jiġu sospiżi, sakemm titneħħa l-karta s-safra għas-sajd IUU;

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:02008R1005-20110309&qid=1582024898371&from=MT)

Emenda 91

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Artikoli 1, 3, 4, 5 għandhom japplikaw minn [***24 xahar*** wara d-data tad-dħul fis-seħħ].	L-Artikoli 1, 3, 4, 5 għandhom japplikaw minn [***5 snin*** wara d-data tad-dħul fis-seħħ].

Or. es

Ġustifikazzjoni

Huwa meħtieġ żmien biżżejjed biex jiġu żviluppati r-regoli kollha għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet li jinsabu f'dan ir-Regolament, kif ukoll biex jingħata ż-żmien meħtieġ biex ikunu jistgħu jiġu implimentati dawn il-bidliet kollha, li xi whud minnhom jeħtieġu bidla fil-mentalità min-naħa tal-professjonisti tas-sajd.

NOTA SPJEGATTIVA

Sfond tal-proposta tal-Kummissjoni

Meta ġiet adottata fl-2016[1], ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament talbet b'mod espliċitu lill-Kummissjoni li tirrevedi r-Regolament (KE) Nru 1224/2009 dwar il-kontroll tas-sajd.

F'din ir-Riżoluzzjoni, il-Parlament kien jaqbel, bħal kwistjoni prijoritarja, li r-regoli dwar is-sajd, il-kontroll tagħhom u s-sanzjonijiet applikabbli jkunu simili u uniformi fl-Unjoni Ewropea kollha, u indika b'mod partikolari li l-proċeduri ta' spezzjoni għandhom jiġu armonizzati, bħall-penali f'każ ta' ksur.

Biex dan jintlaħaq, ir-Riżoluzzjoni elenkat għadd ta' proposti għall-katina ta' kontroll kollha, minn taħriġ permezz tal-introduzzjoni ta' kurrikulu Ewropew uniformi ta' taħriġ għall-ispetturi tas-sajd, sal-użu ta' teknoloġiji ġodda ta' monitoraġġ identiċi u konnessi, ta' trażmissjoni u ta' komunikazzjoni tal-informazzjoni fil-ħin reali u ċentralizzata.

Filwaqt li saħħew il-pożizzjoni tal-Parlament, id-diskussjonijiet fil-Kunsill, mal-Bord Amministrattiv tal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (l-EFCA), mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati kkonfermaw li l-istituzzjonijiet Ewropej bħall-partijiet ikkonċernati direttament iqisu b'mod unanimu li s-sistema ta' kontroll tas-sajd mhijiex effettiva jew konformi mal-għanijiet tal-politika komuni tas-sajd[2] (PKS).

Minn naħa waħda, is-sistema attwali tal-UE tal-kontroll tas-sajd ġiet imfassla qabel ir-riforma tal-PKS u minkejja l-adozzjoni tar-Regolament Ewropew (UE) Nru 812/2015 imsejjaħ ir-Regolament Omnibus, mhijiex kompletament konsistenti magħha.

Min-naħa l-oħra, l-abbozzar tagħha jħalli parti kbira mill-interpretazzjoni għal kull Stat Membru fl-implimentazzjoni tagħha.

Il-proposta tal-Kummissjoni

Għaldaqstant il-Kummissjoni Ewropea wieġbet b'mod favorevoli għall-inizjattiva tal-Parlament Ewropew billi fit-30 ta' Mejju 2018 ippubblikat Proposta għal Regolament li jemenda s-sistema ta' kontroll tas-sajd tal-Unjoni.

Il-miżuri li jistabbilixxu Sistema ta' Kontroll tas-Sajd (FCS) tal-Unjoni biex tiġi żgurata l-

[1] Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2016 dwar kif narmonizzaw il-kontrolli fuq is-sajd fl-Ewropa P8_TA(2016)0407.
[2] Ir-Regolament (KE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22.

konformità mar-regoli tal-PKS huma pprovduti f'erba' atti legali differenti ([3],[4],[5],[6]).

Il-proposta temenda dawn l-atti ġuridiċi, bl-eċċezzjoni tar-Regolament dwar il-ġestjoni sostenibbli tal-flotot tas-sajd esterni, li ġie rivedut reċentement, u tinkludi wkoll l-allinjament ta' żewġ regolamenti fis-seħħ[7],[8] mas-sistema l-ġdida ta' kontroll proposta.

Fil-Memorandum ta' spjegazzjoni tagħha, il-Kummissjoni tispeċifika li "l-objettivi speċifiċi tal-proposta huma li: 1) Jitneħħew id-diskrepanzi mal-PKS u ma' politiki oħra tal-UE; 2) Jiġi ssimplifikat il-qafas leġiżlattiv u jitnaqqas il-piż amministrattiv żejjed; 3) Tittejjeb id-disponibbiltà, l-affidabilità u l-kompletezza tad-data u tal-informazzjoni dwar is-sajd, b'mod partikolari tad-data dwar il-qabdiet, u jkunu possibbli l-iskambju u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni; 4) Jitneħħew l-ostakli li jxekklu l-iżvilupp ta' kultura ta' konformità u t-trattament ekwitabbli tal-operaturi fl-Istati Membri u bejniethom. »

Il-proposta tinkludi l-miżuri li ġejjin, fost oħrajn:

- **kjarifika tal-proċess ta' spezzjoni**, tad-dmirijiet tal-ispetturi, u tad-dmirijiet tal-kaptani u tal-operaturi matul l-ispezzjonijiet kif ukoll l-użu obbligatorju ta' Sistema Elettronika ta' Rapporti ta' Spezzjonijiet li tippermetti li jsir użu aħjar u skambju tad-data bejn l-awtoritajiet rilevanti;
- **lista ġdida ta' tipi ta' ksur** tar-regoli tal-PKS, li għandhom jiġu kkwalifikati bħala ta' natura serja, lista ġdida dettaljata u eżawrjenti ta' kriterji għall-kwalifikazzjoni bħala serju ta' ċertu ksur ieħor tar-regoli tal-PKS, kif ukoll l-introduzzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi obbligatorji u livelli minimi ta' multi għal ksur serju tar-regoli tal-PKS li jtejbu l-armonizzazzjoni;
- **sistema ta' data dwar is-sajd aktar affidabbli u aktar kompluta** li tipprovdi għad-diġitalizzazzjoni sħiħa tad-dikjarazzjonijiet ta' trasbord u d-dikjarazzjonijiet tal-ħatt l-art, applikabbli għall-bastimenti kollha tas-sajd tal-Unjoni (inklużi dawk iqsar minn 12-il metru), sistema ta' traċċar elettroniku għall-bastimenti kollha, proċeduri ġodda ta' użin tal-prodotti tas-sajd u regoli msaħħa għar-reġistrazzjoni tal-qabdiet tas-sajd rikreattiv;
- **it-titjib fit-traċċabilità tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura** li jkunu ġejjin mill-UE kif ukoll dawk importati: ir-rekwiżiti dwar l-obbligi ta' informazzjoni relatata mat-traċċabilità ġew speċifikati u jippermettu li lott ċċarata l-informazzjoni dwar it-traċċabilità, biex ikunu jistgħu jinħolqu links bejn lott speċifiku ta' prodotti tas-sajd u ħatt l-art partikolari minn bastiment tas-sajd tal-UE. L-informazzjoni hi rreġistrata b'mod elettroniku biex il-kontrolli fil-katina ta' provvista fi ħdan is-suq intern ikunu aktar effettivi u effiċjenti;

---

[3] 1) Ir-Regolament dwar il-kontroll tas-sajd, Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009, ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

[4] 2) Ir-Regolament li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA), Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 768/2005, ĠU L 128, 21.5.2005, p. 1.

[5] 3) Ir-Regolament li jistabbilixxi sistema ta' ġlieda sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (ir-Regolament IUU), Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008, (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1).

[6] 4) Ir-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġestjoni sostenibbli tal-flotot tas-sajd esterni (ĠU L 347, 28.12.2017, p. 1).

[7] Emenda għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran.

[8] Emenda għar-Regolament (UE) 2016/1139 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-merluzz, l-aringi u l-laċċ ikħal fil-Baħar Baltiku u s-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet.

- **l-użu ta' għodod elettroniċi ta' monitoraġġ mill-bogħod** bħall-pożizzjonament dinamiku, jew il-kameras ta' sorveljanza abbord għall-kontroll tal-obbligu ta' ħatt l-art u r-rekwiżit li ċerti bastimenti mgħammra bi rkapti attivi jiġu attrezzati b'apparat li jissorvelja u jirreġistra s-saħħa tal-magna;
- **it-titjib tar-rappurtar ta' rkaptu mitluf** bl-użu ta' ġurnali (elettroniċi) ta' abbord għall-kategoriji kollha ta' bastimenti, it-tneħħija tad-deroga kurrenti applikabbli għall-bastimenti iqsar minn 12-il metru biex iġorru abbord it-tagħmir neċessarju għas-sejbien ta' rkaptu mitluf u l-iffissar tal-kundizzjonijiet biex jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet tal-Unjoni dwar il-markar u l-kontroll tal-irkapti tas-sajd għas-sajd rikreattiv.
- **ir-reviżjoni tal-mandat tal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd** (EFCA) biex l-objettivi tagħha jiġu allinjati għalkollox mal-PKS u jiġu estiżi s-setgħat ta' spezzjoni tagħha.

Pożizzjoni tar-Rapporteur

Il-Parlament Ewropew beda l-proċedura tiegħu mal-MEP Soċjalista Isabelle Thomas bħala rapporteur u ppubblika l-ewwel abbozz ta' rapport fit-18 ta' Diċembru 2018. Wara li ġew irċevuti 851 emenda, saru diskussjonijiet intensivi biex intlaħaq arranġamenti ta' kompromess. Minkejja l-isforzi u x-xogħol tajjeb ħafna tas-Sna Thomas u tat-tim tagħha, it-tmien leġiżlatura tal-Parlament Ewropew intemmet fit-18 ta' April 2019 mingħajr ftehim komprensiv dwar dan id-dossier.

Fid-disa' leġiżlatura tal-Parlament Ewropew, ir-rapporteur Soċjalista l-ġdida, Clara Aguilera, iddeċidiet li tibda mill-bidu l-proċedura għal dan id-dossier u li tagħti lill-Membri l-ġodda tal-Parlament l-opportunità li jiddiskutu din ir-riforma fil-fond.

Il-Parlament Ewropew iddikjara l-emerġenza klimatika fit-28 ta' Novembru 2019 u huwa impenjat bis-sħiħ biex tintlaħaq in-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050. Dan ifisser bidla fil-mentalità fis-soċjetà kollha, inkluż fis-settur tas-sajd. Sabiex jiġi żgurat li l-miżuri inklużi fil-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) ikollhom ir-riżultat mistenni, iċ-qofol huwa li jkun hemm sistema ta' kontroll sempliċi, trasparenti, effikaċi u effettiva li tiżgura konformità effettiva, uniformi u aġġornata fl-Istati Membri tal-Unjoni, mingħajr ma twassal għal żieda fil-piż amministrattiv u mingħajr sforzi addizzjonali għall-amministrazzjonijiet pubbliċi. Għal dan il-għan, ir-rapporteur tipproponi li l-proposta tiġi ssupplimentata u tiġi emendata biex tinkiseb l-armonizzazzjoni meħtieġa tas-sistema ta' kontroll u spezzjoni tas-sajd tal-UE u biex jiġi evitat li jinħoloq sens ta' inġustizzja fost is-sajjieda fl-Istati Membri differenti.

Ir-rapporteur temmen li l-modernizzazzjoni u l-użu ta' teknoloġiji ġodda għandhom jiffaċilitaw l-objettivi tat-tisħiħ tal-kontroll fir-rigward tal-isfidi ġodda li jiffaċċja s-settur tas-sajd: l-obbligu ta' ħatt l-art, it-traċċabilità tul il-katina alimentari kollha ("mill-għalqa sal-platt", f'dan il-każ "mill-baħar sal-mejda"), biex jiġi inkluż is-sajd rikreattiv, kif ukoll l-iskambju ta' data bejn l-Istati Membri, il-Kummissjoni Ewropea u l-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd, iżda wkoll ma' pajjiżi terzi, fl-aspetti u fl-oqsma kollha.

F'dan ir-rigward, u wara l-opinjoni unanima tal-esperti kkonsultati, l-uniku mod biex jitwettaq monitoraġġ effettiv tal-obbligu ta' ħatt l-art huwa li jiġi mgħammar perċentwal minimu ta' bastimenti tas-sajd, identifikati taħt programmi speċifiċi ta' kontroll u spezzjoni bħala f'riskju għoli ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligu ta' ħatt l-art, b'sistemi tas-CCTV kontinwi u/jew

sistemi alternattivi oħra ta' monitoraġġ tar-rimi li jinkorporaw tagħmir għall-ħżin tad-data.

Entitajiet tas-sajd fuq skala żgħira jaqdu rwol essenzjali fl-Unjoni, minn perspettiva bijoloġika, ekonomika u soċjali. Meta wieħed iqis li dan jikkonċerna lil madwar 80 % tal-bastimenti tal-Unjoni, huwa meħtieġ li jkun jista' jiġi vvalutat l-impatt tas-sajd artiġjanali fuq l-istokkijiet u għal dan il-għan għandu jkun possibbli li jiġi mmonitorjat li l-attivitajiet tas-sajd u l-isforzi tas-sajd ta' bastimenti iżgħar jikkonformaw mar-regoli tal-PKS, u b'hekk jiġu mgħammra b'apparat li jkun faċli li jintuża u li ma jipperikolax is-sikurezza abbord.

Fir-rigward tat-traċċabilità, ir-rapporteur tinsab konvinta dwar il-ħtieġa li l-konsumaturi jingħataw informazzjoni dwar fejn u kif inqabad il-ħut. Din l-informazzjoni tikkontribwixxi għas-sikurezza tal-ikel, tippermetti kontrolli u hija essenzjali biex jiġi miġġieled is-sajd illegali. Ninsabu fl-era diġitali, ma nistgħux inżommu ċertifikati tal-karti, id-diġitalizzazzjoni tfisser semplifikazzjoni: din tippermetti fluss immedjat ta' data, tinvolvi inqas burokrazija u tippermetti taħlita ta' spezzjonijiet. Barra minn hekk, huwa essenzjali li l-atturi kollha fil-katina tal-valur ikunu involuti u li jaħdmu flimkien. Huwa daqstant importanti li s-sistemi l-ġodda jkunu faċli biex jintużaw u jiġu trasferiti u m'għandhomx jinvolvu spejjeż eċċessivi għall-operaturi, speċjalment in-negozji ż-żgħar.

Is-sajd rikreattiv għandu rwol importanti fl-Unjoni u huwa meħtieġ li jkun hemm kontroll effettiv ta' din l-attività mill-Istati Membri. Għal dan il-għan, jeħtieġ li noħolqu sistema uniformi, jekk mhux unika, li tippermetti r-reġistrazzjoni jew il-liċenzjar, kif ukoll il-ġbir ta' data affidabbli dwar il-qabdiet u l-prattiki. Il-ġbir ta' data suffiċjenti u affidabbli dwar is-sajd rikreattiv hu neċessarju biex jiġi evalwat l-impatt tat-tali prattiki tas-sajd fuq l-istokkijiet u biex l-Istati Membri u l-Kummissjoni jiġu pprovduti bl-informazzjoni neċessarja għal ġestjoni u għal kontroll effettivi tar-riżorsi bijoloġiċi marini kollha.

Sabiex jiġi żgurat li ma jkunx hemm sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU) fil-ftehimiet dwar is-sajd ma' pajjiżi terzi, huwa meħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tistabbilixxi miżuri ta' salvagwardja għall-prodotti tas-sajd, sakemm din titqies bħala l-possibilità li jiġu sospiżi l-preferenzi tariffarji sakemm titneħħa l-karta s-safra għas-sajd IUU.